Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0241(COD)

12.6.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0560 – C10-0169/2025 – 2025/0241(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Norbert Lins

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 101

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 102

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0560 – C10-0169/2025 – 2025/0241(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0560),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0169/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,
- wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mis-Senat Rumen, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv mhuwiex konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2026[1],
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-xx ta' Lulju 2026[2],
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tad-9 ta' Frar 2026[3],
- wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A10-XX/202X),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A10-XX/202X]),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

---

1 Għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.
2 Għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.
3 Għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. ***Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li toffri premjijiet aħjar biex jitwasslu servizzi tal-ekosistema aktar ambizzjużi li jmorru lil hinn mir-riżultati miksuba permezz ta' rekwiżiti obbligatorji. Il-PAK il-ġdida jenħtieġ li ssib bilanċ ġdid bejn intendenza tal-azjendi agrikoli b'sett ta' rekwiżiti obbligatorji, u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jappoġġaw impenji ta' benefiċċju għall-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali u tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar reżiljenti.***	(7) F'konformità mal-objettiv li jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-inċentivi u r-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet SNR tagħhom lejn il-prijoritajiet tal-PAK, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura. Il-PAK wara l-2027 jenħtieġ li taċċellera t-tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050***, minħabba s-settur tal-biedja għandu l-potenzjal li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura u mill-użu tal-art***.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Jenħtieġ li l-intendenza tal-azjendi agrikoli tiġi stabbilita biex tiggarantixxi l-konformità tal-appoġġ tal-PAK mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7].*** L-intendenza tal-azjendi agrikoli	(8) L-intendenza tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li tinkludi rekwiżiti minimi ta' kundizzjonalità ambjentali u soċjali, kif ukoll ***katalgu ta'*** prattiki protettivi mfassla mill-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi ewlenin bħall-protezzjoni tal-ħamrija u tal-mogħdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis.

jenħtieġ li tinkludi rekwiżiti minimi ta' kundizzjonalità ambjentali u soċjali, kif ukoll prattiki protettivi mfassla mill-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi ewlenin bħall-protezzjoni tal-ħamrija u tal-mogħdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jadattaw dawk il-prattiki protettivi għall-kuntest ġeografiku u klimatiku u għas-sistemi ta' produzzjoni speċifiċi tagħhom inkluż billi jistabbilixxu eżenzjonijiet. Sabiex tiġi promossa agrikoltura soċjalment sostenibbli, ċerti pagamenti tal-PAK jeħtieġu konformità mal-istandards dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Jenħtieġ li jitħarsu l-Karta Ewropea u d-diversi oqfsa nazzjonali u mudelli tas-suq tax-xogħol, u jenħtieġ li l-ebda obbligu addizzjonali ma jiġi impost fuq is-sħab soċjali jew l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar jew il-kontrolli, filwaqt li jiġu evitati korrezzjonijiet doppji.	Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jadattaw dawk il-prattiki protettivi għall-kuntest ġeografiku u klimatiku u għas-sistemi ta' produzzjoni speċifiċi tagħhom inkluż billi jistabbilixxu eżenzjonijiet***. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-bdiewa fl-Istati Membri individwali u fl-Unjoni joperaw taħt kundizzjonijiet kompetittivi komparabbli***. Sabiex tiġi promossa agrikoltura soċjalment sostenibbli, ċerti pagamenti tal-PAK jeħtieġu konformità mal-istandards dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Jenħtieġ li jitħarsu l-Karta Ewropea u d-diversi oqfsa nazzjonali u mudelli tas-suq tax-xogħol, u jenħtieġ li l-ebda obbligu addizzjonali ma jiġi impost fuq is-sħab soċjali jew l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar jew il-kontrolli, filwaqt li jiġu evitati korrezzjonijiet doppji. ***L-intendenza tal-azjendi agrikoli la għandha tirriżulta f'piżijiet burokratiċi akbar għall-bdiewa tal-UE u lanqas ma għandha tippermetti rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK.***

[7] ***Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.***

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa jenħtieġ li jibqa' l-istrument ta'	(9) L-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa jenħtieġ li jibqa' l-istrument ta'

politika ċentrali biex jiggarantixxi introjtu ġust għall-bdiewa u biedja u produzzjoni tal-ikel sostenibbli. Jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-trawwim ta' settur agrikolu kompetittiv u reżiljenti li jfittex li jikseb il-benefiċċji ta' produzzjoni ta' kwalità għolja u effiċjenza fir-riżorsi, filwaqt li jiżgura t-tiġdid ġenerazzjonali, u b'hekk is-sigurtà tal-ikel fit-tul. L-allokazzjonijiet tal-appoġġ għall-introjtu jenħtieġ li jiġu delimitati biex jintużaw għall-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa biss, biex jipprovdu stabbiltà u prevedibbiltà għas-settur agrikolu tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati impatt u effiċjenza għolja, il-PAK il-ġdida jenħtieġ li tinvolvi sett ta' għodod issimplifikat u konsistenti ta' tipi ta' intervent ta' appoġġ għall-introjtu li jippermettu lill-Istati Membri jilħqu l-objettivi tal-PAK.	politika ċentrali biex jiggarantixxi introjtu ġust għall-bdiewa u biedja u produzzjoni tal-ikel sostenibbli. Jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-trawwim ta' settur agrikolu kompetittiv u reżiljenti li jfittex li jikseb il-benefiċċji ta' produzzjoni ta' kwalità għolja u effiċjenza fir-riżorsi, filwaqt li jiżgura ***standards għoljin tal-benesseri tal-annimali,*** it-tiġdid ġenerazzjonali, u b'hekk is-sigurtà tal-ikel fit-tul. L-allokazzjonijiet tal-appoġġ għall-introjtu jenħtieġ li jiġu delimitati biex jintużaw għall-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa biss, biex jipprovdu stabbiltà u prevedibbiltà għas-settur agrikolu tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati impatt u effiċjenza għolja, il-PAK il-ġdida jenħtieġ li tinvolvi sett ta' għodod issimplifikat u konsistenti ta' tipi ta' intervent ta' appoġġ għall-introjtu li jippermettu lill-Istati Membri jilħqu l-objettivi tal-PAK.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba l-ħtieġa li l-appoġġ jiġi mmirat lejn dawk l-aktar fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jħallsu l-appoġġ ***digressiv*** għall-introjtu bbażat fuq iż-żona biss lil dawk il-persuni li l-attività prinċipali tagħhom hija l-agrikoltura, filwaqt li jiżguraw li l-bdiewa pluriattivi u b'azjendi agrikoli żgħar, li huma involuti mill-inqas f'livell minimu ta' attività agrikola, ma jiġux eskluży.	(10) Minħabba l-ħtieġa li l-appoġġ jiġi mmirat lejn dawk l-aktar fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jħallsu l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona biss lil dawk il-persuni li l-attività prinċipali tagħhom hija l-agrikoltura, filwaqt li jiżguraw li l-bdiewa pluriattivi u b'azjendi agrikoli żgħar, li huma involuti mill-inqas f'livell minimu ta' attività agrikola, ma jiġux eskluży.
	Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE jenħtieġ li japplikaw għall-appoġġ skont dan ir-Regolament. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 42 tat-TFUE, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur agrikolu, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għall-appoġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE li jitwettaq skont u f'konformità ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament SNR] jew ir-Regolament (UE) Nru 1308/2012 kif ukoll il-finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawk l-interventi fejn l-appoġġ tal-Unjoni jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dik li qabel kienet il-Premessa 59 tal-SNR dwar il-PAK)

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa ta' aktar reżiljenza u ġestjoni tar-riskju tal-azjendi agrikoli, jenħtieġ li jingħata appoġġ biex tittejjeb il-kapaċità tal-bdiewa ħalli jkunu jistgħu jifilħu riskji u kriżijiet dejjem akbar, bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima jew l-instabbiltà tas-suq, biex il-bdiewa jkunu jistgħu jieħdu sehem f'għodod għall-ġestjoni tar-riskju, inkluż	(11) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa ta' aktar reżiljenza u ġestjoni tar-riskju tal-azjendi agrikoli, jenħtieġ li jingħata appoġġ biex tittejjeb il-kapaċità tal-bdiewa ħalli jkunu jistgħu jifilħu riskji u kriżijiet dejjem akbar, bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima jew l-instabbiltà tas-suq, biex il-bdiewa jkunu jistgħu jieħdu sehem f'għodod għall-ġestjoni tar-riskju, inkluż

appoġġ għall-primjums tal-assigurazzjoni u kontribuzzjonijiet għal fondi mutwi fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li jiġi promoss approċċ proattiv għall-ġestjoni tar-riskju li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur billi jiġu stabbiliti rati massimi ta' appoġġ xierqa, b'inċentivi għall-bdiewa li jimplimentaw miżuri preventivi tar-riskju.	appoġġ għall-primjums tal-assigurazzjoni u kontribuzzjonijiet għal fondi mutwi fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li jiġi promoss approċċ proattiv għall-ġestjoni tar-riskju li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur billi jiġu stabbiliti rati massimi ta' appoġġ xierqa, b'inċentivi għall-bdiewa li jimplimentaw miżuri preventivi tar-riskju. ***L-adozzjoni tal-assigurazzjoni u l-parteċipazzjoni fi skemi ta' ġestjoni tar-riskju mill-bdiewa għadhom limitati u mhux attraenti biżżejjed, b'mod partikolari minħabba l-inadegwatezza ta' ċerti metodi għall-kalkolu tat-telf. Sabiex irawmuhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu metodi alternattivi xierqa għall-kalkolu tat-telf.***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti wkoll permezz ta' appoġġ għall-investimenti implimentati mill-bdiewa u mis-sidien tal-foresti. Dawn l-investimenti jistgħu jikkonċernaw, fost l-oħrajn, infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, il-prattiki tal-agroforestrija, l-enerġija u l-ilma, l-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura, il-biedja ta' preċiżjoni, u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-introjtu f'attivitajiet oħra bħall-agrituriżmu u l-bijoekonomija. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu appoġġati investimenti fir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola jew tal-forestrija wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż nirien,	(12) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jiġu segwiti wkoll permezz ta' appoġġ għall-investimenti implimentati mill-bdiewa u mis-sidien tal-foresti. Dawn l-investimenti jistgħu jikkonċernaw, fost l-oħrajn, infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-agrikoltura u tal-forestrija, ***bl-għan li tittejjeb il-kompetittività, jinħolqu impjiegi moderni, jiġu introdotti teknoloġiji innovattivi u jissaħħaħ il-benessri tal-annimali,*** il-prattiki tal-agroforestrija, l-enerġija u l-ilma, l-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura, il-biedja ta' preċiżjoni, u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-introjtu f'attivitajiet oħra bħall-agrituriżmu u l-bijoekonomija***. Sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tan-negozji agrikoli, huma meħtieġa wkoll investimenti fl-***

maltemp, għargħar, pesti u mard.	***infrastruttura reġjonali tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni***. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu appoġġati investimenti fir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola jew tal-forestrija wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż nirien, maltemp, għargħar, pesti u mard.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Jenħtieġ li t-titjib fil-benessri tal-annimali jiġi rikonoxxut bħala investiment strateġiku li jappoġġa r-reżiljenza u s-sostenibbiltà fit-tul tas-settur tal-bhejjem fl-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel, jgħin jistabbilizza l-introjtu tal-bdiewa u jappoġġa lill-bdiewa fl-adattament għad-domandi soċjetali. F'konformità mal-Artikolu 13 tat-TFUE, l-Unjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom iqisu bis-sħiħ il-benessri tal-annimali meta jifformulaw u jimplimentaw politiki agrikoli. Il-prattiki tal-biedja li jsaħħu l-benessri tal-annimali, inklużi, fejn xieraq, it-titjib fis-saħħa tal-annimali, iż-żieda fil-longevità, kundizzjonijiet tal-alloġġ aħjar jew aktar spazju jistgħu jkomplu jnaqqsu l-mortalità u r-riskji ta' mard, isaħħu r-robustezza tal-annimali u jappoġġaw produzzjoni aktar stabbli. Billi jnaqqsu t-telf evitabbli u jtejbu s-saħħa tal-annimali, tali prattiki jgħinu jistabbilizzaw l-introjtu tal-azjendi agrikoli, isaħħu l-ġestjoni tar-riskju u jappoġġaw il-vijabbiltà fit-tul u l-kompetittività tas-settur tal-bhejjem fl-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-objettivi klimatiċi u ambjentali

tiegħu. Madankollu, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-kompetittività tal-azjendi agrikoli tal-Unjoni kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak globali, kif ukoll lill-aspetti ekonomiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' standards għoljin tal-benessri tal-annimali. L-identifikazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati għall-applikazzjoni ta' standards ogħla tal-benessri tal-annimali hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli u jiġi ggarantit introjtu ġust għall-bdiewa, mingħajr ma jiġu imposti kostijiet sproporzjonati fuq il-konsumaturi, kif ukoll biex il-gruppi vulnerabbli jkunu jistgħu jaċċessaw ikla nutrittiva kuljum.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali ***u ż-żoni*** rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali***, iż-żoni*** rurali vibranti ***u bijoekonomija prospera***, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi" tfisser:
	(i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha hija attività agrikola, kif definita mill-Istati Membri fil-kapitolu tal-PAK tal-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament; jew
	(ii) persuna fiżika jew persuna ġuridika żgħira, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri;
	(2) "benefiċjarju" fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' LEADER tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha li hija stabbilita jew topera fiż-żona koperta mill-istrateġija ta' żvilupp lokali rilevanti u li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija, inklużi korpi pubbliċi, sħab ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u atturi lokali oħra;
	(3) "bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom. Il-bdiewa, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa;
	(4) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa jew benefiċjarji oħra taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali

msemmija fl-Artikolu 5 [Tipi ta' appoġġ], il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament;

(5) "bidwi ġdid" tfisser bidwi li mhuwiex bidwi żagħżugħ u li huwa l-kap tal-azjenda għall-ewwel darba, irrispettivament mill-forma legali tal-azjenda agrikola;

(6) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a];

(7) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(8) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(9) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Art. 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + def. "bidwi attiv" ittra VdL + l-Art. 4 tal-SNR (3c), (9c), (16) u emendat); test ġdid: (2) definizzjoni ta' benefiċjarju fil-kuntest ta' LEADER; (5) miżjuda "irrispettivament mill-forma legali tal-azjenda agrikola"; Miżjuda korrezzjoni lingwistika.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-kapitolu tal-PAK tal-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet tagħhom ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità, u irrispettivament mill-forma ġuridika ta' kwalunkwe persuna kkonċernata.
	2. Id-definizzjoni ta' "attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira u l-prodotti li jiġu prodotti bil-kultivazzjoni tal-għadajjar;
	(b) iż-żamma ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun

debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benessri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. Id-definizzjoni ta' "żona agrikola" għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. Id-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" msemmi fl-ewwel paragrafu għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tinkludi biss żoni kkultivati mill-bidwi:

(a) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi u, jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawk iż-żoni, li fuqhom hija predominanti dik l-attività agrikola;

(b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5 il-punti (a) u (g), [appoġġ għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS, l-intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, u elementi oħra, bħal agrivoltajċi mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (b), dment li dawk il-karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra ma jxekklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

5. Id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bidwi għandu 40 sena jew iżgħar;

(b) il-bidwi huwa l-"kap tal-azjenda".

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit taħt l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 il-punt (22) tal-SNR u emendat; (1) "irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom" miżjuda; (2a) "u prodotti magħmula mill-kultivazzjoni tal-għadajjar"; (4) it-tħassir ta' "li huma għad-dispożizzjoni tal-bidwi u li jikkompromettu"; miżjud "ikkultivat mill-bidwi"; (4a) it-tħassir ta' "f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finiċi"; (4c) "u elementi oħra, bħall-agrivoltajċi", "u elementi oħra"; (5a) it-tħassir ta' "stabbilit bejn 35 sena u"), miżjuda korrezzjoni lingwistika

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament ***qabel il-preżentazzjoni*** tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq ***dan*** li ***ġej***:	Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK ***skont l-Artikolu 288 tat-TFUE*** li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament ***tal-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni*** tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri***, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali tiegħu fil-livell NUTS 2***. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu

bbażati fuq ***l-elementi*** li ***ġejjin***:

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu.	it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu***, inkluż l-aċċess għal soluzzjonijiet diġitali u ta' biedja ta' preċiżjoni***.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-tisħiħ tal-vitalità ekonomika taż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni***, kif xieraq***.	Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni ***b'rabta mar-rieżami ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu 25 tar-***

Regolament SNR.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni rurali, ***inklużi*** l-fatturi demografiċi, il-karatteristiċi strutturali u territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-ikel f'kull Stat Membru.	2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni ***u r-reġjuni*** rurali, ***kif ukoll il-vitalità tal-komunitajiet rurali***. ***Dik l-analiżi għandha tinkludi*** l-fatturi demografiċi, il-karatteristiċi strutturali u territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-ikel f'kull Stat Membru.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK, il-Kummissjoni ***għandha b'mod partikolari*** tidentifika l-isfidi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati minn kull Stat Membru fil-Pjan SNR tagħhom, abbażi tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	3. Fir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK, il-Kummissjoni ***tista'*** tidentifika l-isfidi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati minn kull Stat Membru ***u r-reġjuni rispettivi tagħhom*** fil-Pjan SNR tagħhom, abbażi tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	1. Qabel is-sottomissjoni tal-kapitolu speċifiku tal-PAK tal-SNR, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom taħt kull objettiv speċifiku fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR] filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn għandhom ifasslu l-interventi tagħhom abbażi ta' dik il-valutazzjoni.
	2. Għal kull intervent li jinkludu fil-pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:
	(a) it-tip ta' intervent li fuqu jkun ibbażat, l-ambitu territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tiegħu;
	(b) fejn applikabbli, ġustifikazzjoni għall-intervent ibbażata fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet;
	(c) fejn applikabbli, is-setturi fil-mira tal-intervent jew il-grupp ta' bdiewa jew il-benefiċjarji oħra fil-mira tal-qasam ta' prijorità tal-intervent, kif ukoll tal-ambjent u tal-klima tal-PAK, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
	(d) spjegazzjoni tal-kriterji rilevanti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, kif imsemmi fl-Artikolu 20c (ġdid) [appoġġ domestiku tad-WTO] u fl-Anness XVII [anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament;
	(e) deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, u għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan

ir-Regolament];

(f) deskrizzjoni tal-prattiki agrikoli koperti mill-intervent ibbażata fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki agrikoli f'konformità mal-Artikolu 3(5) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont tal-appoġġ għall-azzjonijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni. L-appoġġ għandu jkun limitat għal [EUR 200 000] għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan.

3. Meta l-appoġġ pubbliku jingħata skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament għal operazzjoni ta' investiment li ma jaqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu wkoll minn forom alternattivi ta' appoġġ simplifikat, bħall-finanzjament ta' somma f'daqqa bbażat fuq il-proġetti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

former NRP Art. 36) and amended; (1) new amendment; original text: (1) Member States shall provide for each intervention in their Plans (this is now Para 2); (1b) new amendment; original text (b) where applicable, sectors targeted by the intervention or group of farmers or other beneficiaries targeted under the intervention, CAP environment and climate priority area, in accordance with Article 4 of this Regulation (this is now 1c); original (f) deleted: (f) in relation to the interventions in certain sectors referred to in Part II, Title I, Chapter IIa of Regulation (EU) No 1308/2013, justification for targeting the selected sectors and complementarity with other CAP interventions, and where relevant, with other measures set out in the Plan; (3) original text + addition of last sentence: linguistic correction added.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***F'konformità mal-Anness*** I, il-Parti C, l-Istati Membri għandhom ***jiddefinixxu***, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, prattiki protettivi li ***għandhom jitħarsu mill-bdiewa*** u ***minn*** benefiċjarji oħra li jirċievu l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 2***,*** sabiex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:	4. L-Istati Membri għandhom ***ifasslu***, ***abbażi tal-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Anness*** I, il-Parti C, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, ***katalgu ta'*** prattiki protettivi***,*** li ***jistgħu jagħżlu minnhom il-bdiewa*** u benefiċjarji oħra li jirċievu l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 2 sabiex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, il-preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, iż-żamma tal-materja organika tal-ħamrija, inkluż permezz tan-newba jew tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel***, kif ukoll il-protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit;***	(b) il-protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, il-preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, iż-żamma tal-materja organika tal-ħamrija, inkluż permezz tan-newba jew tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-Pjan SNR deskrizzjoni tal-prattiki protettivi definiti għal kull wieħed mill-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 inkluż il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħhom, il-bdiewa u benefiċjarji oħra soġġetti għall-prattika u sommarju tal-prattika protettiva.	5. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-Pjan SNR deskrizzjoni tal-prattiki protettivi definiti għal kull wieħed mill-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 inkluż il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħhom, il-bdiewa u benefiċjarji oħra soġġetti għall-prattika u sommarju tal-prattika protettiva.

Meta jistabbilixxu l-prattiki protettivi, l-Istati Membri għandhom iqisu bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 2. L-Istati Membri għandhom jadattaw il-prattiki protettivi għal sistemi differenti ta' ġestjoni tal-art u kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi differenti fit-territorju tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jadattaw il-prattiki protettivi għal sistemi differenti ta' ġestjoni tal-art u kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi differenti fit-territorju tagħhom.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-Pjan SNR referenzi għall-atti legali nazzjonali rilevanti li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-prattiki protettivi. Meta l-prattiki protettivi jkunu stabbiliti fil-liġi nazzjonali, tali referenzi għandhom ikunu biżżejjed għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fl-istabbiliment tal-prattiki protettivi msemmija fil-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom, eżenzjonijiet speċifiċi minn dawk il-prattiki protettivi bbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħal għelejjel, tipi ta' ħamrija u sistemi tal-biedja jew ħsara lill-artijiet bil-ħaxix permanenti minħabba, fost l-oħrajn,	7. Fl-istabbiliment tal-prattiki protettivi msemmija fil-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom, eżenzjonijiet speċifiċi minn dawk il-prattiki protettivi bbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħal għelejjel, tipi ta' ħamrija u sistemi tal-biedja jew ħsara lill-artijiet bil-ħaxix permanenti minħabba, fost l-oħrajn,

annimali selvaġġi jew speċijiet invażivi. Dawk l-eżenzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu ***limitati f'termini tal-kopertura taż-żona tagħhom***, għandhom jiġu stabbiliti biss fil-każ, u sal-punt, li huma meħtieġa biex jindirizzaw problemi speċifiċi fl-applikazzjoni ta' dawk il-prattiki u ma għandhomx ixekklu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 jew joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni.	annimali selvaġġi jew speċijiet invażivi. Dawk l-eżenzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu ***applikati fit-territorju kollu tal-Istat Membru***, għandhom jiġu stabbiliti biss fil-każ, u sal-punt, li huma meħtieġa biex jindirizzaw problemi speċifiċi fl-applikazzjoni ta' dawk il-prattiki u ma għandhomx ixekklu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 jew joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi temporanji mill-prattiki protettivi, meta l-kundizzjonijiet tat-temp jipprevjenu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra milli jimplimentaw dawk il-prattiki jew meta l-implimentazzjoni ta' dawk il-prattiki protettivi xxekkel l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-derogi temporanji ***jkunu limitati fil-kamp ta' applikazzjoni u d-durata tagħhom sa fejn ikun meħtieġ***, jingħataw abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u li ma jxekklux l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 jew ma joħolqux distorsjoni tal-kompetizzjoni.	8. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi temporanji mill-prattiki protettivi, meta l-kundizzjonijiet tat-temp ***jew restrizzjonijiet oħra, bħal mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet bil-pesti jew disturb fil-pajjiż kollu jew lokali,*** jipprevjenu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra milli jimplimentaw dawk il-prattiki jew meta l-implimentazzjoni ta' dawk il-prattiki protettivi xxekkel l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-derogi temporanji jingħataw abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u li ma jxekklux l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4 jew ma joħolqux distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 9 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jinvolvu lis-settur agrikolu fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri, u jiggarantixxu approċċ komparabbli u orjentat lejn il-prattika fil-livell nazzjonali u tal-UE għar-rikonoxximent tagħhom.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Meta l-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi jiġu implimentati permezz ta' arranġamenti kooperattivi, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-konformità mal-prattiki protettivi rilevanti għandha tiġi vvalutata fil-livell tal-azzjoni kooperattiva jew kollettiva, dment li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 4. F'tali każijiet, il-membri individwali tal-kooperattiva ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw separatament mal-prattiki protettivi, u lanqas it-tnaqqis jew il-penali finanzjarji ma għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi ta' azjenda individwali għall-irqajja' tal-art tal-azjenda effettivament involuti fl-arranġament kooperattiv. Għall-irqajja' tal-art kollha li jifdal tal-azjenda, il-konformità mal-prattiki protettivi rilevanti għandha tkompli tiġi vvalutata fil-livell tal-azjenda individwali.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9b. Meta benefiċjarju ma jkunx stabbilit fl-Unjoni iżda jwettaq attivitajiet agrikoli fi Stat Membru partikolari, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tista', bħala kundizzjoni għall-pagament, titlob lill-benefiċjarju jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli, inklużi rekords relatati mal-użu tal-art, in-newba tal-għelejjel, il-ġestjoni tal-bhejjem u l-applikazzjoni ta' inputs f'żoni agrikoli ġestiti minn dak il-benefiċjarju, jew jissottometti ruħu għall-kontrolli.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament SNR [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	Meta ż-żona eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 20j (ġdid) [SIAK],

ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u l-penali skont dan l-Artikolu.

Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benessri tal-annimali, il-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, l-istandards tax-xogħol applikabbli biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.

3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata, fejn ikun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u klassifikazzjoni tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat taħt l-intestaturi severità, firxa, permanenza jew okkorrenza mill-ġdid u intenzjonalità.

4. Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament XX [intendenza tal-azjendi agrikoli] meta dak in-nuqqas ta'

konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) in-nuqqas ta' konformità jkun relatat mal-attività agrikola tal-benefiċjarju, kif definita mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 1b (ġdid) (2) [definizzjoni qafas tal-attività agrikola];

(b) in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna l-azjenda kif definita fl-Artikolu 1a (ġdid), (4a) [definizzjonijiet - azjenda] jew żoni oħra ġestiti mill-benefiċjarju li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru.

Madankollu, jekk in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna żoni forestali, il-penali msemmija fil-paragrafu 5 ma għandhomx jiġu applikati meta ma jintalab l-ebda appoġġ għaż-żona kkonċernata.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi li japplikaw għall-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 4 li ma jikkonformawx, fi kwalunkwe ħin fis-sena kalendarja kkonċernata, mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli.

Il-penali għandhom jikkonsistu fit-tnaqqis jew fl-esklużjoni tal-ammont totali tal-pagamenti skont il-miżuri elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u (o) u (p) ta' dan ir-Regolament, sa fejn dawn jikkonċernaw appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, ta' dan ir-Regolament mogħti jew li jkun se jingħata lill-benefiċjarju kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna li l-benefiċjarju jkun ippreżenta jew li jkun se jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Il-penali għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li se jingħataw fis-sena kalendarja li fiha seħħ

in-nuqqas ta' konformità. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata s-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità, it-tnaqqis jew l-esklużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li jkunu se jingħataw fis-sena kalendarja li fiha seħħet is-sejba tan-nuqqas ta' konformità.

Għall-kalkolu ta' dawk il-penali, għandhom jitqiesu l-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat taħt l-intestaturi severità, firxa, permanenza jew okkorrenza mill-ġdid u intenzjonalità, kif imsemmi fil-paragrafu 3. Penali imposta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-atti legali elenkati fl-Anness I, il-partijiet A u B, ta' dan ir-Regolament XX għall-istess att jew ommissjoni ta' bidwi jew benefiċjarju ieħor għandha titqies fil-kalkolu tal-penali msemmija fl-ewwel subparagrafu.

In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. It-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 15 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu li ma għandha tiġi imposta l-ebda penali amministrattiva jekk:

(a) In-nuqqas ta' konformità jkun dovut għal force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali;

(b) In-nuqqas ta' konformità jkun minħabba ordni minn awtorità pubblika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR; miżjuda korrezzjonijiet lingwistiċi)

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u ***jistgħu jipprovdu appoġġ*** lil benefiċjarji oħra ***fl-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin ***iddeterminati mill-Istati Membri***:

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati ***mit-tniġġis*** tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni ***agrikoli*** affettwati ***b'riskju sinifikanti ta' tniġġis*** tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***biex japplikaw prattiki ta' ġestjoni aktar sostenibbli fis-sistemi tal-bhejjem tagħhom u soluzzjonijiet oħra, inklużi approċċi kooperattivi, kif ukoll appoġġ*** għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) appoġġ ***digressiv*** għall-introjtu bbażat fuq iż-żona;	(a) appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) pagament ridistributtiv;

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa ***u*** għas-sidien tal-foresti;	(i) appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa***,*** għas-sidien tal-foresti ***u għall-kooperattivi***;

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ (inkluż pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażagħ);

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jb) investimenti fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-produzzjoni agrikola;

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt jc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jc) appoġġ għall-promozzjoni tal-biedja kooperattiva;

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) ***LEADER***;	(l) ***investiment fil-komunitajiet rurali***;

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) inizjattivi ta' kooperazzjoni	(n) inizjattivi ta' kooperazzjoni

territorjali u lokali;	territorjali u lokali***, inkluż LEADER***;

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(na) appoġġ għal investimenti għall-iżvilupp rurali, bħal investimenti f'servizzi bażiċi, infrastrutturi rurali fuq skala żgħira, konsolidazzjoni u riallokazzjoni tal-art u tiġdid tal-irħula f'żoni rurali;

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(oa) appoġġ għal investimenti għal azzjonijiet preventivi għall-protezzjoni mill-għargħar jew kostali u investimenti mhux produttivi relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) (v), tar-Regolament (UE) [...] [SNR];

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ob (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ob) appoġġ għall-investimenti fl-

irrigazzjoni;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) u (g) ma għandhomx japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fit-Titolu VI tar-Regolament SNR.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 35(2) tal-SNR)

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa ***(k)***, u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa ***(ja)***, u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-appoġġ taħt l-interventi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jitqies li jikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" f'konformità mal-Artikolu 33(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll l-interventi stabbiliti fl-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punti ta' aċċess, bħal punti uniċi ta' servizz reġjonali, għall-bdiewa. Dawk il-punti ta' aċċess jistgħu jipprovdu, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar opportunitajiet u proċeduri ta' appoġġ u jiffaċilitaw id-dħul u l-istabbiliment ta' bdiewa fis-settur agrikolu, inkluż billi jgħinuhom fis-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal finanzjament u billi jipprovdulhom gwida.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ ***digressiv*** għall-introjtu bbażat fuq iż-żona	Appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-differenzjazzjoni tal-pagamenti tista' tieħu l-forma ta' pagamenti ta' somom f'daqqa annwali li jissostitwixxu għalkollox jew parzjalment l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona għal kull ettaru eliġibbli. L-Istati Membri għandhom iżidu l-appoġġ għal kull ettaru eliġibbli mogħti lill-bdiewa żgħażagħ.	Id-differenzjazzjoni tal-pagamenti tista' tieħu l-forma ta' pagamenti ta' somom f'daqqa annwali li jissostitwixxu għalkollox jew parzjalment l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona għal kull ettaru eliġibbli. ***F'konformità mal-minimu ta' 8 % tal-ammont iddedikat għall-appoġġ għall-introjtu tal-PAK li l-Istati Membri jeħtiġilhom jallokaw għal interventi mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(4), il-punt 3 (ġdid) [appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ], tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [SNR],*** l-Istati Membri għandhom iżidu l-appoġġ għal kull ettaru eliġibbli mogħti lill-bdiewa żgħażagħ.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ammont totali ta' pagamenti għal kull bidwi stabbilit f'konformità mal-paragrafu 2 għandu jkun digressiv f'konformità mar-regoli li ġejjin:	***imħassar***

(a) L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont annwali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona li jaqbeż l-EUR 20 000 li għandu jingħata lil bidwi b'25 % meta l-ammont tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona mogħti lil bidwi jkun bejn l-EUR 20 000 u l-EUR 50 000;

(b) L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont annwali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona li jaqbeż il-EUR 50 000 li għandu jingħata lil bidwi b'50 % meta l-ammont tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona mogħti lil bidwi jkun aktar minn EUR 50 000 u mhux aktar minn EUR 75 000;

(c) L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont annwali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona li jaqbeż il-EUR 75 000 li għandu jingħata lil bidwi b'75 % meta l-ammont tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona mogħti lil bidwi jaqbeż il-EUR 75 000.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jintroduċu limitu massimu fuq l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona li għandu jingħata lil bidwi għal sena kalendarja partikolari. L-Istati Membri li ddeċidew li jintroduċu limitu massimu għandhom inaqqsu l-ammont ta' tali appoġġ għall-introjtu li jaqbeż il-EUR 100 000 b'100 %.

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ammont totali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona ma għandux ikun ogħla minn massimu ta' ***EUR 100 000*** għal kull ***bidwi*** fis-sena. ***Fil-każ ta' persuna ġuridika jew gruppi ta' persuni ġuridiċi, il-limitu massimu għandu jkopri l-azjendi kollha taħt il-kontroll ta'*** persuna ***ġuridika jew*** fiżika ***waħda***.	4. ***Madankollu,*** l-ammont totali tal-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona ma għandux ikun ogħla minn massimu ta' ***EUR 500 000*** għal kull ***persuna fiżika*** fis-sena. ***Il-Kummissjoni għandha tirreġistra l-ammont ta' pagamenti għal kull*** persuna fiżika.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sa mhux aktar tard mill-2032, l-applikanti li jilħqu l-età tal-irtirar, iddeterminata mil-liġi nazzjonali, u li jirċievu pensjoni tal-irtirar, ma jibqgħux jirċievu appoġġ skont dan l-Artikolu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu	(b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu

II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni ***jew*** nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 4;	II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni***,*** nazzjonali ***jew reġjonali*** jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 4;
	Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-interventi msemmija fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, il-punti (a) sa (c), (g), (ja), u (o) sa (r) ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii)(a) [Baġit].
	L-interventi msemmija fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, il-punti (d) sa (f),(h) sa (j), (jb) sa (ob) u (s) ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu interventi ta' żvilupp rurali li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii)(b) [Baġit] tar-Regolament SNR.
	L-għajnuna medja ppjanata għal kull ettaru għall-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tkun inqas minn EUR 130 u mhux aktar minn EUR 200 għal kull Stat Membru. Għall-qoton, l-għajnuniet huma ddefiniti fl-Artikolu 13b (ġdid).
	Or. en

Ġustifikazzjoni

dak li qabel kien l-Artikolu 35(3) u emendat; L-interventi msemmija fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k) u (r) tar-Regolament SNR għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii) [Baġit]. L-għajnuna medja ppjanata għal kull ettaru għall-appoġġ digressiv għall-introjtu bbażat fuq iż-żona msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tkun inqas minn EUR 130 u mhux aktar minn EUR 240 għal kull Stat Membru. Għall-qoton, l-għajnuniet huma ddefiniti fl-Artikolu 13.b (ġdid) Miżjuda korrezzjonijiet lingwistiċi.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Pagament ridistributtiv
	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu appoġġ għall-introjtu ridistributtiv obbligatorju ta' 15 % soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom. Dak l-appoġġ għandu jiġi ffinanzjat mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii)(a) [Baġit].
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-ridistribuzzjoni tal-pagamenti diretti minn azjendi akbar għal dawk iżgħar jew ta' daqs medju billi jipprevedu appoġġ ridistributtiv għall-introjtu fil-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli lill-bdiewa li huma intitolati għal pagament skont l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona msemmi fl-Artikolu 6.
	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-livell nazzjonali jew reġjonali ammont għal kull ettaru jew ammonti differenti għal firxiet differenti ta' ettari, kif ukoll in-numru massimu ta' ettari għal kull bidwi li għalih għandu jitħallas l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv. Il-pagament ridistributtiv għandu jingħata mill-ewwel ettaru

eliġibbli.

4. Il-pagament ridistributtiv mill-ewwel ettaru jista' jiġi kkombinat ma' skemi oħra ta' appoġġ għall-introjtu previsti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri li jissostitwixxu l-appoġġ skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a)***,*** (b) ***u (d)***. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent fil-Pjan SNR bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri li jissostitwixxu l-appoġġ skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) ***u*** (b). L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent fil-Pjan SNR bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ skont dan l-Artikolu jkun primarjament dirett lejn il-bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel, irrispettivament mill-forma legali jew l-istruttura tal-azjenda. L-appoġġ mogħti skont dan l-Artikolu għandu jinvolvi skema simplifikata, inkluża eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi

agrikoli, prattiki protettivi, kontrolli, u tnaqqis u penali relatati.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-pagamenti għal kull ettaru eliġibbli għandhom ikunu limitati għall-kostijiet addizzjonali jew għat-telf ta' introjtu relatat mal-produzzjoni agrikola tal-impriża fiż-żoni dežinjati ***meta mqabbla mal-produzzjoni f'żoni mhux dežinjati***.	3. Il-pagamenti għal kull ettaru eliġibbli għandhom ikunu limitati għall-kostijiet addizzjonali jew għat-telf ta' introjtu relatat mal-produzzjoni agrikola tal-impriża fiż-żoni dežinjati.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ ibbażat fuq iż-żona f'żoni agrikoli u forestali għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta':	L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ ibbażat fuq iż-żona f'żoni agrikoli u forestali għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta':

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Azzjonijiet agroambjentali ***u*** klimatiċi	Azzjonijiet agroambjentali***,*** klimatiċi ***u tal-benessri tal-annimali***

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benessri tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:***	1. ***F'konformità mal-appoġġ li l-Istati Membri għandhom jiddedikaw għal azzjonijiet agroambjentali, klimatiċi u tal-benessri tal-annimali skont l-Artikolu 35(4)(1)(2 ġdid) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament SNR],*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għal impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda minn bdiewa attivi u benefiċjarji oħra, inklużi impenji għall-konverżjoni u ż-żamma tal-biedja organika, l-ottimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi, l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3. Tali appoġġ jista' jinkludi miżuri ta' effiċjenza, bħall-ġestjoni ottimizzata tan-nitroġenu u tan-nutrijenti, il-produzzjoni u l-użu ta' fertilizzanti rinnovabbli, kif ukoll miżuri ta' estensifikazzjoni jew ta' diversifikazzjoni tal-produzzjoni, fejn ikun teknikament u ekonomikament xieraq.***
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	
(b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa	

mill-bdiewa fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inkluži l-konverżjoni għall-biedja organika u l-estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jipprovdu inċentivi għat-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa minn bdiewa attivi fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inkluż il-konverżjoni għall-biedja organika u l-adozzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni aktar sostenibbli tas-sistemi tal-bhejjem jew l-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-produzzjoni tal-bhejjem, kif ukoll impronta tal-karbonju aktar baxxa jew sistemi oħra ta' produzzjoni u d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jallokaw [X]% tal-ammont totali ddedikat għall-iżvilupp rurali għal interventi mmirati lejn dawk il-miżuri skont l-Artikolu 35(4), is-

subparagrafu (1b)(ġdid), tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [SNR].

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u ***jiżguraw effett tal-introjtu ċar u tanġibbli fil-livell tal-azjenda. B'mod partikolari,*** jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi***, il-protezzjoni u r-restawr ta' pollinaturi selvaġġi u ġestiti u tal-ħabitats tal-pollinaturi, permezz ta' appoġġ għal prattiki tal-biedja favur il-pollinaturi, l-istabbiliment u ż-żamma ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ varji, bħal żoni ta' fjoritura pluriennali b'perjodi ta' fjoritura mifruxa, ringieli ta' sġajriet, strixxi tal-ħanfus***;

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw l-effettività tal-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jkunu ta' benefiċċju għall-pollinaturi selvaġġi u ġestiti u jistgħu jappoġġaw il-kooperazzjoni volontarja bejn il-bdiewa u dawk li jrabbu n-naħal immirata lejn it-tisħiħ tas-servizzi tad-dakkir, il-bijodiversità u l-kwalità tal-prodotti tat-trobbija tan-naħal, inkluż il-ġestjoni koordinata tat-tqegħid tal-miġbħa, l-adattament tal-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-pollinaturi, u miżuri biex jitnaqqsu r-riskji għall-pollinaturi u għall-prodotti tat-trobbija tan-naħal li jirriżultaw mill-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni integrata tal-pesti u d-dritt rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' ***pjan*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni ***mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru***. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' ***impenji sempliċi u prattikabbli ddefiniti mill-Istati Membri, mingħajr ma jiġu imposti pjanijiet*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni ***obbligatorji li joħolqu piż amministrattiv sproporzjonat***.

għall-klima ***u*** għall-ambjent.

Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima***,*** għall-ambjent ***u għall-benessri tal-annimali filwaqt li tiġi żgurata l-flessibbiltà u tiġi evitata kumplessità amministrattiva addizzjonali għall-bdiewa u l-amministrazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom iħallsu l-appoġġ għall-bdiewa f'pagamenti parzjali matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni. L-aħħar pagament parzjali jitħallas meta titlesta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pagamenti ***jiġu rkuprati jekk il-bidwi jonqos milli jimplimenta l-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-appoġġ jingħata f'waqtu u b'mod prevedibbli, inkluż kemm għal miżuri annwali kif ukoll għal dawk pluriennali, u li*** l-pagamenti ***jsiru fis-sena ta' applikazzjoni rispettiva***.

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-bdiewa li jikkonvertu l-azjendi agrikoli tagħhom għal biedja organika f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 huma eżentati mir-rekwiżit li

	jfasslu pjan ta' azzjoni, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ ***biss*** għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti msemmija fl-Anness I, il-Parti A, u r-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-benessri tal-annimali u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u tal-Unjoni.	L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti msemmija fl-Anness I, il-Parti A, u r-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-benessri tal-annimali u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-appoġġ jista' jingħata wkoll għal impenji li jikkontribwixxu għall-konformità mar-rekwiżiti skont il-liġi tal-Unjoni jew dak nazzjonali meta tali impenji jiġġeneraw benefiċċji ambjentali addizzjonali u effett ċar fuq l-introjtu fil-livell tal-azjendi agrikoli.

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	***Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament, il-pagamenti għal azzjoni agroambjentali u klimatika jistgħu jinkludu komponent ta' inċentiv li jaqbeż l-ammont tal-kostijiet reali u l-introjtu mitluf, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:***
	(a) il-pagament totali ma jirriżultax fl-għoti ta' appoġġ għall-prezzijiet lill-produtturi;
	(b) il-pagament ma jiddependix fuq in-natura jew il-firxa tal-produzzjoni;
	(c) l-Istat Membru jispeċifika, fil-kapitolu tal-SNR tiegħu, il-kategorija tal-"Kaxxa l-Ħadra" tad-WTO li taħtha għandha tiġi nnotifikata l-miżura u jipprovdi ġustifikazzjoni għal dan.

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, ***li jgħaddu minn*** diffikultajiet u li huma ***importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi*** jew ambjentali.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, ***meta tali setturi jew tipi ta' biedja jkunu qed jiffaċċjaw*** diffikultajiet ***partikolari*** u li huma ***ta' importanza soċjoekonomika*** jew

ambjentali ***sinifikanti***.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-livell ġenerali ta' appoġġ akkoppjat għall-introjtu għandu jibqa' limitat u ma għandux jaqbeż sehem proporzjonat ta' pagamenti diretti, f'konformità mal-objettiv li tinżamm in-natura diżakkoppjata tal-appoġġ għall-introjtu.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Tali appoġġ għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġu indirizzati dawk id-diffikultajiet u biex jiġi evitat l-abbandun tal-produzzjoni agrikola. Għandu jqis il-ħtieġa li jinżammu kundizzjonijiet ekwi u li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu ma għandux jingħata meta dan iwassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jew ikollu effetti negattivi fuq il-funzjonament tas-suq intern.
	L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jiżguraw li kwalunkwe tali appoġġ ikun konsistenti maż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull annimal lis-setturi tal-bhejjem, l-Istati Membri għandhom ***iqisu l-impatti ambjentali, inkluż billi jistabbilixxu kriterji ta' densità massima tal-bhejjem f'żoni vulnerabbli għan-nitrati***.	4. Għall-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull annimal lis-setturi tal-bhejjem, l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li tali appoġġ jiġi implimentat b'mod sempliċi u prattikabbli, mingħajr ma jimponu rekwiżiti amministrattivi jew ta' dokumentazzjoni addizzjonali***.

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu għandu jingħata għal kull ettaru eliġibbli filwaqt li tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi u b'livell baxx ta' burokrazija.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-allokazzjoni finanzjarja għall-interventi ta' appoġġ akkoppjat għall-introjtu kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandha tkun limitata għal massimu ta' 12 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni stabbilita mill-Istat Membru fil-Pjan SNR għall-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (c), (f) u (g). Dan il-perċentwal jista' jiżdied b'massimu ta' tliet punti perċentwali, dment li l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwal li jaqbeż 12 % li jiġi allokat għall-għelejjel li fihom il-proteini, il-bdiewa li jikkombinaw il-produzzjoni tal-għelejjel u l-bhejjem jew iż-żoni agrikoli f'riskju ta' abbandun tal-produzzjoni agrikola b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, definiti fil-Pjanijiet. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tfisser reġjuni NUTS2 tal-Unjoni li jmissu mal-Federazzjoni Russa, mal-Belarussja jew mal-Ukrajna, bl-art jew bil-baħar, li ma jkoprux it-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 35(5) tal-SNR emendat u mbagħad bidel 20 % fi 12 % u ħames punti perċentwali fi tliet punti perċentwali, miżjuda korrezzjonijiet lingwistiċi)

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-parteċipazzjoni fl-għodod għall-ġestjoni tar-riskju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss għal telf li jaqbeż livell limitu ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' 3 snin, jew medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' 5 snin eskluża l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-parteċipazzjoni fl-għodod għall-ġestjoni tar-riskju***, filwaqt li jqisu li t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' tali għodod għandhom jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri u r-reġjuni***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss għal telf li jaqbeż livell limitu ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' 3 snin, jew medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' 5 snin eskluża l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa.

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodu alternattiv xieraq għall-kalkolu tat-telf tal-bdiewa ***żgħażagħ u tal-bdiewa ġodda***.	3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodu alternattiv xieraq għall-kalkolu tat-telf tal-bdiewa ***li jitolbuh***.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għall-parteċipazzjoni fl-għodod kollettivi għall-

prevenzjoni tal-kriżijiet u għall-ġestjoni tar-riskju lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, lill-gruppi tal-produtturi u lill-entitajiet li jirrappreżentaw forom oħra ta' kooperazzjoni li huma kostitwiti fuq l-inizjattiva tal-produtturi u kkontrollati minnhom. Tali forom ta' kooperazzjoni għandhom jiġu identifikati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru bħala gruppi ta' produtturi għat-tul ta' żmien tal-programm. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi li l-objettivi tagħhom huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punti (a) u (c) tar-Regolament 1308/2018, bl-għan li jiġi evitat u indirizzat it-tfixkil fis-swieq tas-settur rilevanti, u inklużi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet amministrattivi tal-istabbiliment. Meta jipprovdu l-appoġġ, l-Istati Membri għandhom japprovaw ir-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi. Dawk ir-regoli għandhom jipprevedu li l-fondi mutwi jistgħu jintervjenu biss fil-każ li l-prezzijiet tas-suq jaqgħu b'mill-inqas 20 % fis-settur ikkonċernat meta mqabbel mal-medja rreġistrata matul il-perjodu ta' tliet snin preċedenti, jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin preċedenti, bl-esklużjoni tal-ogħla valuri u dawk l-aktar baxxi. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal rata waħda jew aktar li ma taqbiżx is-70 % tal-kontribuzzjonijiet għall-fond mutwu, tal-kost amministrattiv tal-fond mutwu u, fejn rilevanti, ta' kostijiet eliġibbli oħra.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed li jirriżulta meta l-interventi skont dan l-Artikolu jingħaqdu ma' skemi għall-ġestjoni tar-riskju pubbliċi jew privati oħra.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u għall-fatturi li jiskattaw il-kumpens ***fil-Pjan SNR tagħhom***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed li jirriżulta meta l-interventi skont dan l-Artikolu jingħaqdu ma' skemi għall-ġestjoni tar-riskju pubbliċi jew privati oħra.	4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u għall-fatturi li jiskattaw il-kumpens. ***Dawk il-metodoloġiji għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar u operazzjonali li jiżgura implimentazzjoni amministrattiva effiċjenti. Dawn ma għandhomx għalfejn ikunu speċifikazzjoni dettaljata*** fil-Pjan SNR. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed li jirriżulta meta l-interventi skont dan l-Artikolu jingħaqdu ma' skemi għall-ġestjoni tar-riskju pubbliċi jew privati oħra.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-investimenti ***għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti***	Appoġġ għall-investimenti

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu għal investimenti produttivi u mhux produttivi li	1. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu għal investimenti produttivi u mhux produttivi li

jagħmlu kontribut ġenerali xieraq għar-reżiljenza tal-agrikoltura, tas-sistemi tal-ikel, tal-forestrija u taż-żoni rurali, b'mod partikolari r-reżiljenza għall-klima u għall-ilma. L-Istati Membri għandhom jispjegaw fil-Pjanijiet SNR tagħhom kif qed jippjanaw li jagħtu dan l-appoġġ.	jagħmlu kontribut ġenerali xieraq għar-reżiljenza tal-agrikoltura, tas-sistemi tal-ikel, tal-forestrija u taż-żoni rurali, b'mod partikolari r-reżiljenza għall-klima u għall-ilma ***jew it-titjib tal-benessri tal-annimali***. L-Istati Membri għandhom jispjegaw fil-Pjanijiet SNR tagħhom kif qed jippjanaw li jagħtu dan l-appoġġ.

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiffavorixxu investimenti li jappoġġaw prattiki agrikoli sostenibbli u jikkontribwixxu għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali u tal-inputs agrikoli, inklużi l-irrigazzjoni, il-fertigazzjoni u l-biedja ta' preċiżjoni.

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-appoġġ għall-investimenti fir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola jew tal-forestrija li tkun saritilha ħsara minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi għandu jingħata biss meta l-avveniment ikkonċernat ikun ikkawża l-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola jew mill-inqas 20 % tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-forestrija***.	***3. L-aċċess għall-appoġġ għal investimenti żgħar, sa EUR 20 000, għandu jkun soġġett għal proċedura simplifikata ta' approvazzjoni u żborż b'rekwiżiti amministrattivi proporzjonati, kif iddeterminat minn kull Stat Membru fil-PSNR tagħhom, bi prova ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-investiment meqjus bħala suffiċjenti. L-aċċess għall-appoġġ għal investimenti żgħar iwieġeb b'mod partikolari għall-***

	ħtieġa artikolata mill-bdiewa nisa li, anke għal investimenti żgħar, isibuha aktar diffiċli biex jaċċessaw faċilment il-finanzjament għall-istabbiliment jew it-tisħiħ tan-negozji tagħhom.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. B'deroga mill-paragrafu 4, il-punti (a), (b) u (c), dak ir-rekwiżit ma għandux japplika meta l-appoġġ jingħata permezz ta' strumenti finanzjarji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-liġi tal-Unjoni twassal sabiex jiġu imposti rekwiżiti ġodda fuq il-bdiewa, jista' jingħata appoġġ biex l-investimenti jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti għal perjodu massimu ta' 36 xahar mid-data meta jsiru obbligatorji għall-azjenda.	***Il-proġett ta' investiment imwettaq mill-bdiewa għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni fis-seħħ fiż-żmien meta l-awtorità awtorizzanti approvat l-applikazzjoni għall-appoġġ għall-investiment. Il-bdiewa għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda wara l-implimentazzjoni tal-proġett ta' investiment***.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jista' jingħata appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa żgħażagħ ***li jistabbilixxu ruħhom għall-ewwel darba f'azjenda agrikola bħala l-kap tal-azjenda, biex jikkonformaw*** mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni ***għal perjodu massimu ta' 36 xahar mid-data tal-istabbiliment, jew sakemm jitlestew l-azzjonijiet definiti fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju msemmi fl-Artikolu 14(3)***. L-Istati Membri jistgħu jagħtu biss pagamenti skont dan il-paragrafu sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom relatati mal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	***Il-proġett ta' investiment imwettaq minn bdiewa*** żgħażagħ ***għandu jikkonforma*** mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni ***fis-seħħ fiż-żmien meta l-awtorità awtorizzanti approvat l-applikazzjoni għall-appoġġ għall-investiment***. ***Il-bdiewa żgħażagħ għandhom jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni wara l-implimentazzjoni tal-proġett ta' investiment***. L-Istati Membri jistgħu jagħtu biss pagamenti skont dan il-paragrafu sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom relatati mal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (i), ta' dan ir-Regolament [investimenti għall-bdiewa], għandha tkun ta' 75 % tal-kostijiet eliġibbli totali eliġibbli għal kull intervent. Madankollu, ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i), immirata lejn il-bdiewa żgħażagħ għandha tkun ta' 85 % tan-nefqa pubblika eliġibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 35(4) is-subparagrafu (2) tal-SNR; miżjuda korrezzjonijiet lingwistiċi

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Investimenti fl-irrigazzjoni
	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal investimenti fl-irrigazzjoni f'żoni ta' irrigazzjoni ġodda u eżistenti, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 u f'dan l-Artikolu.
	2. L-investimenti fl-irrigazzjoni għandhom jiġu appoġġati biss meta l-Istat Membru kkonċernat ikun bagħat lill-kummissjoni pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara, kif previst fid-Direttiva 2000/60/KE għaż-żona kollha li fiha se jsir l-investiment, kif ukoll għal kwalunkwe żona oħra li l-ambjent tagħha jista' jiġi affettwat mill-investiment. Il-miżuri li jidħlu fis-seħħ skont il-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara skont l-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva u li jkunu ta' rilevanza għas-settur agrikolu għandhom jiġu speċifikati fil-programm rilevanti ta' miżuri.
	3. Bħala parti mill-investiment, għandu jkun hemm jew jitqiegħdu arloġġi tal-ilma li jippermettu l-kejl tal-użu tal-ilma fil-livell tal-investiment appoġġat.
	4. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal rata waħda jew aktar li ma taqbiżx:
	(a) 80 % tal-kostijiet eliġibbli għal investimenti għall-irrigazzjoni fl-azjendi agrikoli;

(b) 100 % tal-kostijiet eliġibbli għall-investimenti f'infrastruttura fl-agrikoltura mhux fl-azjendi agrikoli li għandhom jintużaw għall-irrigazzjoni;

(c) 65 % tal-kostijiet eliġibbli għal investimenti oħrajn għall-irrigazzjoni fl-azjendi agrikoli.

5. L-appoġġ soġġett għall-investimenti fl-irrigazzjoni kif stabbilit fil-kundizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandu jitqies li jikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fl-Artikolu 33(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 13b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13b
	Pagament speċifiku għall-għelejjel tal-qoton
	1. Il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja u l-Portugall għandhom jagħtu pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton lill-bdiewa li jipproduċu qoton li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5201 00. Dawk l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi biex jiggarantixxu livell minimu ta' effiċjenza tal-produzzjoni u kwalità tal-prodott.
	2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li l-produzzjoni appoġġata tal-qoton ma tpoġġix pressjoni eċċessiva fuq ir-riżorsi naturali bħall-ilma u l-ħamrija. Għal dak il-għan, jew biex jiġu segwiti objettivi ambjentali jew soċjoekonomiċi oħra, dawk l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-għajnuna biss għal varjetajiet ta' qoton

speċifiċi, f'reġjuni speċifiċi, jew għal tipi speċifiċi ta' biedja, jew jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti relatati ma' prattiki agronomiċi.

3. Il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton għandu jingħata għal kull ettaru ta' erja eliġibbli tal-qoton.

4. Huma stabbiliti ż-żoni bażi nazzjonali li ġejjin:

(a) il-Bulgarija: 3 342 ettaru;

(b) il-Greċja: 250 000 ettaru;

(c) Spanja: 48 000 ettaru;

(d) il-Portugall: 360 ha.

5. Huma stabbiliti r-rendimenti fissi li ġejjin fil-perjodu ta' referenza:

(a) il-Bulgarija: 1,2 tunnellati/ettaru;

(b) il-Greċja: 3,2 tunnellati/ettaru;

(c) Spanja: 3,5 tunnellati/ettaru;

(d) il-Portugall: 2,2 tunnellati/ettaru.

6. L-ammont tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għal kull ettaru ta' erja eliġibbli għandu jiġi kkalkulat billi r-rendimenti stabbiliti fil-paragrafu 2 jiġu mmultiplikati bl-ammonti ta' referenza li ġejjin:

(a) il-Bulgarija: EUR 636,13;

(b) il-Greċja: EUR 229,37;

(c) Spanja: EUR 354,73;

(d) il-Portugall: EUR 223,32.

7. Jekk l-erja eliġibbli tal-qoton fi Stat Membru partikolari f'sena partikolari ma taqbiżx l-erja bażi stabbilita fil-paragrafu 1, f'dak il-każ l-ammont għal kull ettaru msemmi fil-paragrafu 3 jista' jiżdied jew b'koeffiċjent miksub billi l-erja bażi nazzjonali tiġi diviża bl-erja eliġibbli reali, jew tiżdied b'25 %, skont liema jkun l-iżgħar.

8. Jekk l-erja eliġibbli taqbeż l-erja bażi, l-ammont għal kull ettaru għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali mal-eċċess tal-erja

bażi.

9. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "organizzazzjoni interprofessjonali approvata" tfisser entità legali magħmula minn u mwaqqfa minn bdiewa li jipproduċu l-qoton u mill-inqas ħallieġ wieħed. Tali organizzazzjonijiet għandhom jiżguraw azzjoni effiċjenti u dejjiema bl-għan li jikkonċentraw il-provvista u jadattaw il-produzzjoni għar-rekwiżiti tas-suq.

10. L-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti l-ħallieġa għandu japprova organizzazzjonijiet interprofessjonali li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1.

11. Fil-każ ta' bdiewa li huma membri ta' organizzazzjoni interprofessjonali approvata, il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton għall-ettari li huma eliġibbli fl-erja bażi nazzjonali stabbilita fil-paragrafu 4 għandu jiżdied b'ammont ta' EUR 2. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi għall-membri ta' tali organizzazzjonijiet interprofessjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 39 tal-SNR; miżjuda korrezzjonijiet lingwistiċi)

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ, il-bidu ta' negozji rurali u l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar	L-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ, il-bidu ta' negozji rurali***, l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' kooperattivi*** u l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u l-bidu ta' negozji rurali**,** ***inkluż l-istabbiliment ta' bdiewa ġodda,*** skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom.	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u l-bidu ta' negozji rurali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom. ***L-Istati Membri jistgħu wkoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, jipprovdu appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa ġodda***.

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli kooperattivi bħala entità legali;

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa jew strumenti finanzjarji ***jew*** taħlita tat-tnejn. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR	4. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa jew strumenti finanzjarji**,** taħlita tat-tnejn ***jew għotjiet***. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu ta' għajnuna ta'

300 000 u jista' jkun differenzjat f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.	EUR 300 000 u jista' jkun differenzjat f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. ***Fil-każ ta' azjenda agrikola kooperattiva, bħala kooperattiva legali, entità legali komparabbli jew assoċjazzjoni ta' persuni fiżiċi jew entitajiet legali, il-limitazzjoni għandha tapplika fil-livell tal-membri ta' dawk l-entitajiet jew l-assoċjazzjonijiet legali, dment li l-membri jipparteċipaw fuq l-istess livell fl-azjenda.***

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) valutazzjoni tas-sitwazzjoni demografika attwali fis-settur agrikolu;	(a) valutazzjoni tas-sitwazzjoni demografika attwali fis-settur agrikolu***, inklużi disparitajiet territorjali u strutturali***;

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) identifikazzjoni tal-ostakli għad-dħul għall-bdiewa żgħażagħ u inizjattivi u miżuri nazzjonali proposti biex dawn jingħelbu;	(b) identifikazzjoni tal-ostakli għad-dħul għall-bdiewa żgħażagħ u inizjattivi u miżuri nazzjonali proposti biex dawn jingħelbu***, inkluż l-aċċess għall-art, il-kapital, l-għarfien, is-servizzi konsultattivi u l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju***;

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) deskrizzjoni ta' kif il-pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 16 se jintuża fil-kuntest nazzjonali;	(c) deskrizzjoni ta' kif il-pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 16 se jintuża fil-kuntest nazzjonali ***jew reġjonali, inkluż il-kontribut tiegħu għal mudelli kummerċjali sostenibbli, l-istabbiltà tal-introjtu u r-reżiljenza***;

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) sinerġiji bejn miżuri li jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali stabbiliti fil-Pjan SNR.	(d) sinerġiji bejn miżuri li jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali stabbiliti fil-Pjan SNR, ***kif ukoll ma' strumenti rilevanti oħra tal-Unjoni u nazzjonali li jappoġġaw l-iżvilupp rurali u l-innovazzjoni***.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ f'konformità mal-Artikolu 14;	***imħassar***

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) appoġġ ***digressiv*** għall-introjtu bbażat fuq iż-żona għall-bdiewa żgħażagħ f'konformità mal-Artikolu 6;	(b) appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona għall-bdiewa żgħażagħ f'konformità mal-Artikolu 6;

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) aċċess għal servizzi konsultattivi u programmi ta' taħriġ imfassla għall-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażagħ, f'konformità mal-Artikolu 20.

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) appoġġ għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar f'konformità mal-Artikolu 7 immirat lejn il-bdiewa żgħażagħ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) appoġġ għall-investiment b'intensità ogħla ta' għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) possibbiltajiet ta' finanzjament ta' investimenti implimentati minn bdiewa żgħażagħ permezz tal-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];	***imħassar***

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) appoġġ għall-bidu ta' negozji rurali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw l-aċċess għall-innovazzjoni permezz tal-proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];	***imħassar***

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni interġenerazzjonali inkluż is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli f'konformità mal-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];	***imħassar***

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) appoġġ għal servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli f'konformità mal-Artikolu 17;	***imħassar***

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) aċċess għal servizzi ta' konsulenza u programmi ta' taħriġ imfassla għall-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażagħ, f'konformità mal-Artikolu 20.	***imħassar***

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażagħ jista' jinkludi sett tal-miżuri li ġejjin, f'konformità mal-Istrateġija dwar it-Tiġdid Ġenerazzjonali fl-Agrikoltura msemmija fl-Artikolu 15:
	(a) appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ f'konformità mal-Artikolu 14;
	(b) appoġġ għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar f'konformità mal-Artikolu 7 immirat lejn il-bdiewa żgħażagħ;
	(c) appoġġ għall-investiment b'intensità ogħla ta' għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ;
	(d) possibbiltajiet ta' finanzjament ta' investimenti implimentati minn bdiewa żgħażagħ permezz tal-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];
	(e) appoġġ u inċentivi ta' investiment għall-bidu ta' negozji rurali;
	(f) interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw l-aċċess għall-innovazzjoni

	permezz tal-proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];
	(g) interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni interġenerazzjonali inkluż is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli f'konformità mal-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) [...] [SNR];
	(h) appoġġ għal servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli f'konformità mal-Artikolu 17.

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fit-tfassil tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jintegraw rabtiet u sinerġiji ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjanijiet SNR tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri li jiffaċilitaw is-suċċessjoni interġenerazzjonali u t-tiġdid ġenerazzjonali, l-investimenti għall-bidu ta' negozji rurali, jew l-aċċess għal strumenti finanzjarji u l-użu tagħhom.	2. Fit-tfassil tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jintegraw rabtiet u sinerġiji ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjanijiet SNR tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri li jiffaċilitaw is-suċċessjoni interġenerazzjonali u t-tiġdid ġenerazzjonali, ***is-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli u*** l-investimenti għall-bidu ta' negozji rurali, jew l-aċċess għal strumenti finanzjarji u l-użu tagħhom.

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-interventi msemmija ***fil-paragrafu*** 1, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt ***uniku*** ta' aċċess għall-bdiewa żgħażagħ li jista' jipprovdi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar opportunitajiet u proċeduri ta' appoġġ u jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment fis-settur agrikolu, inkluż il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u gwida għal finanzjament.	3. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-interventi msemmija ***fil-paragrafi*** 1 ***u 2***, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt ta' aċċess għall-bdiewa żgħażagħ li jista' jipprovdi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar opportunitajiet u proċeduri ta' appoġġ u jiffaċilita d-dħul u l-istabbiliment fis-settur agrikolu, inkluż il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u gwida għal finanzjament.

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli, li jippermetti lill-bdiewa jieħdu liv minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal, għall-kura tat-tfal u membri oħra tal-familja, għall-vaganzi u avvenimenti simili tal-ħajja, kif ukoll għal meta jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ, kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom.	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli, li jippermetti lill-bdiewa ***u l-membri tal-familja li jaħdmu fl-azjenda agrikola*** jieħdu liv minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal, għall-kura tat-tfal u membri oħra tal-familja, għall-vaganzi u avvenimenti simili tal-ħajja, kif ukoll għal meta jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ, kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom.

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għal-LEADER biex ikun	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għal-LEADER ***ta' [mill-inqas 5 %]***

jista' jħejji u jimplimenta l-istrateġiji ta' żvilupp lokali LEADER skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) [...] [SNR] u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom.

tal-ammont totali ddedikat għall-iżvilupp rurali kif stabbilit fl-Artikolu 10(2), il-punt (ii), jew ir-Regolament (UE) [...] [SNR], kif imsemmi fl-Artikolu 35(4a) tar-Regolament (UE) […] [SNR] biex ikun jista' jħejji u jimplimenta l-istrateġiji ta' żvilupp lokali LEADER skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) [...] [SNR] u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet SNR tagħhom.

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lil-LEADER mill-inqas fiż-żoni rurali ***bi żvantaġġi speċifiċi*** definiti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR.	2. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lil-LEADER mill-inqas fiż-żoni rurali definiti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR.

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ ***permezz tal-LEADER*** għal proġetti ***implimentati*** minn gruppi ta' azzjoni lokali ***li jinvolvu l-bidu*** ta' negozji ġodda***, il-kapaċità ta' valur miżjud fit-trasformazzjoni u fid-diversifikazzjoni*** tal-attivitajiet tal-azjendi agrikoli, ***inklużi*** l-agrituriżmu, ***il-bejgħ*** dirett ta' prodotti agrikoli u ***l-innovazzjoni***.	3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ ***taħt LEADER*** għal proġetti ***magħżula*** minn gruppi ta' azzjoni lokali ***u implimentati bil-parteċipazzjoni*** ta' negozji ġodda***, kif ukoll, għal negozji ġodda, għall-bini tal-kapaċitajiet bl-għan li jiżdied il-valur permezz tat-trasformazzjoni, għad-diversifikazzjoni*** tal-attivitajiet agrikoli, ***inkluż*** l-agrituriżmu, ***għall-bejgħ*** dirett ta' prodotti agrikoli***,*** u ***għall-innovazzjoni, kif ukoll***

	għall-proġetti kollha li jikkontribwixxu għall-attivazzjoni tal-komunità lokali.

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-appoġġ ipprovdut mil-LEADER għandu jkun iffukat fuq l-oqsma tal-iżvilupp rurali b'valur miżjud ***għall-bdiewa*** u ***għas-sidien*** tal-foresti, bħat-trasformazzjoni soċjali, ambjentali, diġitali u ekonomika taż-żoni rurali, it-titjib tal-benessri taċ-ċittadini rurali, u t-tisħiħ tal-kapital soċjali.	4. L-appoġġ ipprovdut mil-LEADER għandu jkun iffukat fuq l-oqsma tal-iżvilupp rurali b'valur miżjud ***għall-komunitajiet rurali, li l-bdiewa*** u ***s-sidien*** tal-foresti ***għandhom rwol ewlieni fihom***, bħat-trasformazzjoni soċjali, ambjentali, diġitali u ekonomika taż-żoni rurali, it-titjib tal-benessri taċ-ċittadini rurali, u t-tisħiħ tal-kapital soċjali***, l-għoti ta' servizzi bażiċi u t-titjib ġenerali tal-kundizzjonijiet tal-għajxien filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tan-nisa***.

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa, tas-sidien tal-foresti u tal-atturi rurali;	(a) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa, tas-sidien tal-foresti u tal-atturi rurali***, fejn xieraq, filwaqt li jitqiesu l-interazzjonijiet tul il-katina tal-provvista kollha***;

Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20a
	Monitoraġġ tar-riżorsi agrikoli
	Il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali jista' jappoġġa azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni permezz ta' applikazzjonijiet ta' telerilevament użati għall-monitoraġġ tar-riżorsi agrikoli. Tali applikazzjonijiet ta' telerilevament għandu jkollhom l-għan li jagħtu lill-Kummissjoni l-mezzi biex:
	(a) tiġġestixxi s-swieq agrikoli tal-Unjoni f'kuntest globali;
	(b) tiżgura l-monitoraġġ agroekonomiku u agroambjentali klimatiku tal-użu tal-art agrikola u tat-tibdil fl-użu tal-art agrikola, inkluża l-agroforestrija, u l-monitoraġġ tal-kundizzjoni tal-ħamrija, tal-għelejjel, tal-ilma, tal-bijodiversità, tal-pajsaġġi agrikoli u tal-art agrikola sabiex ikunu jistgħu jsiru stimi, b'mod partikolari fir-rigward tar-rendimenti u l-produzzjoni agrikola u l-impatti agrikoli assoċjati ma' ċirkostanzi eċċezzjonali, u biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistemi agrikoli u l-progress lejn l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti;
	(c) tikkondividi l-aċċess għall-istimi msemmija fil-punt (b) f'kuntest internazzjonali, bħall-inizjattivi kkoordinati minn organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-ħolqien ta' inventarji tal-gassijiet serra fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, jew fil-kuntest ta' aġenziji internazzjonali oħrajn;
	(d) tikkontribwixxi għal miżuri speċifiċi li jżidu t-trasparenza fis-swieq dinjin, filwaqt li jitqiesu l-objettivi u l-impenji tal-

Unjoni;

(e) tiżgura segwitu teknoloġiku tas-sistema agrometeoroloġika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 37 tal-SNR, miżjuda korrezzjonijiet lingwistiċi)

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u avvenimenti katastrofiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.
	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers jew event katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawk l-eventi, il-miżuri adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda jew pest tal-pjanti, il-miżuri adottati biex jiġi pprevenut jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jew il-

miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw, b'mod dirett, ħsara li wasslet għall-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu ta' tliet snin preċedenti jew f'medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu ta' ħames snin preċedenti, bl-esklużjoni tal-ogħla entrata u l-aktar waħda baxxa.

3. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati tal-appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf fil-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. L-indiċijiet jistgħu jintużaw għall-kalkolu tat-telf fil-produzzjoni.

5. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 38 tal-SNR; miżjuda korrezzjoni lingwistika)

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Appoġġ domestiku tad-WTO
	1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK abbażi tat-tipi ta' intervent elenkati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] tar-Regolament PSNR, inklużi d-definizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1a (ġdid) u fl-Artikolu 1b (ġdid) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 4 tar-Regolament SNR, b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.
	2. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 5, il-punti (a), (d), (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament għandu jikkwalifika skont il-kriterji tal-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament [Anness tad-WTO] huma indikattivi u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma' paragrafu differenti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura jekk dan ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan SNR.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 40 tal-SNR)

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil dwar iż-żrieragħ żejtnin
	1. Meta l-Istati Membri jipprevedu interventi bbażati fuq iż-żona rilevanti għall-Anness tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ żejtnin skont il-GATT, it-total taż-żona ta' appoġġ ibbażat fuq l-outputs ippjanati inklużi fil-Pjanijiet tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jaqbeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha.
	2. Kull Stat Membru li jkun beħsiebu jagħti l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jindika l-outputs ippjanati korrispondenti f'ettari fil-Pjan SNR.
	3. Jekk l-outputs ippjanati kollha proposti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom jaqbżu ż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw iż-żona ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru kkalkulata abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru taż-żona medja ta' kultivazzjoni fl-Unjoni matul il-ħames snin preċedenti li jibdew mis-sena ta' qabel is-sottomissjoni tal-proposta tal-Pjan. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88 tar-Regolament SNR [proċedura ta' kumitat].
	4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lil kull wieħed minn dawk l-Istati Membri dwar il-koeffiċjent ta' tnaqqis. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw l-outputs ippjanati proposti fil-Pjanijiet SNR f'konformità mal-koeffiċjenti ta' tnaqqis.
	5. Jekk Stat Membru jkun beħsiebu jżid l-

outputs ippjanati msemmija fil-paragrafu 1 stabbiliti fil-Pjan SNR approvat mill-Kummissjoni, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni permezz ta' talba biex jiġi emendat il-Pjan SNR.

6. Meta jkun meħtieġ biex jiġi evitat li tinqabeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fil-forma ta' deċiżjoni li jistabbilixxu l-koeffiċjenti ta' tnaqqis jew tirrevedi l-koeffiċjenti ta' tnaqqis eżistenti għall-Istati Membri kollha li qabżu ż-żona ta' appoġġ ta' referenza tagħhom fil-Pjanijiet SNR tagħhom.

7. L-Istati Membri għandhom jeskludu l-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-ġirasol użata għall-ħlewwiet minn kwalunkwe intervent ibbażat fuq iż-żona msemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 41 tal-SNR, miżjuda korrezzjoni lingwistika)

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti komuni
	1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi tipi speċifiċi ta' intervent għall-agrikoltura biex jiġu mmitigati d-diffikultajiet ikkawżati mill-insularità, id-daqs żgħir u d-distanza mis-swieq tal-ġejjer minuri tal-Eġew.
	2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "il-ġejjer minuri tal-Eġew" tfisser

kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.

3. Minbarra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament SNR, l-interventi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi li ġejjin:

(a) il-provvista garantita lill-gżejjer minuri tal-Eġew ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u bħala inputs agrikoli billi jiġu mmitigati l-kostijiet addizzjonali mġarrba minħabba l-qagħda mbiegħda estrema jew l-insularità tagħhom, mingħajr ma ssir ħsara lill-produzzjoni lokali u t-tkabbir tagħha;

(b) l-iżgurar tal-futur fit-tul u l-iżvilupp tal-attivitajiet agrikoli fil-gżejjer minuri tal-Eġew, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom.

4. Il-Greċja tista' timplimenta fil-gżejjer minuri tal-Eġew l-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament SNR, ħlief għal dawk imsemmija fil-punt (o) [reġjuni ultraperiferiċi] tiegħu [Tipi ta' intervent].

5. L-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandha tapplika għall-benefiċjarji li jirċievu appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali].

6. Madankollu, il-benefiċjarju tal-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali] li jirċievi pagament annwali li ma jaqbiżx it-EUR 3 000 għandu jkun eżentat mir-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fil-partijiet A u C tal-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 42 tal-SNR; miżjuda korrezzjonijiet lingwistiċi)

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20f
	Arranġamenti speċifiċi tal-provvista
	1. Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE li huma essenzjali fil-ġejjer minuri tal-Eġew għall-konsum mill-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra jew bħala inputs agrikoli.
	2. Il-Greċja għandha tistabbilixxi fil-Pjan tagħha, fil-livell ġeografiku li tqis l-aktar xieraq, volum massimu ta' kull prodott agrikolu, minn fost il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, biex tikkwantifika r-rekwiżiti annwali ta' provvista għall-ġejjer minuri tal-Eġew.
	3. Il-volum massimu ta' prodotti agrikoli msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi wkoll il-volumi ta' dawk il-prodotti meħtieġa mill-impriżi li jippakkjaw u jipproċessaw prodotti maħsuba għas-suq lokali, għall-konsenja lejn il-bqija tal-Unjoni jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi bħala parti mill-kummerċ reġjonali jew fil-kuntest ta' flussi kummerċjali tradizzjonali. Il-volum massimu tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi stabbilit filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti stabbiliti fil-karti tal-bilanċ tat-tbassir tal-provvista fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

4. Għandu jingħata appoġġ biex il-gżejjer minuri tal-Eġew jiġu fornuti bi prodotti tal-Unjoni ħalli jiġu żgurati r-rekwiżiti speċjali ta' provvista stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 f'termini ta' prezz u kwalità, filwaqt li jinżamm is-sehem tal-Unjoni fil-provvisti ta' dawk il-prodotti.

5. Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-provvista ta' prodotti li jkunu diġà bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista fi gżejjer minuri oħra tal-Eġew.

6. Prodotti ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss għandhom jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

7. Fl-implimentazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Greċja għandha tqis b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-produzzjoni lokali eżistenti ma tiġix destabbilizzata u lanqas ostakolata fl-iżvilupp tagħha u r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 43 tal-SNR; miżjuda korrezzjonijiet lingwistiċi)

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 20g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20g
	Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali
	1. Il-Greċja għandha tagħti appoġġ għall-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u t-trasport ta' prodotti agrikoli mhux ipproċessati u pproċessati fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

2. Il-Greċja għandha tfassal l-interventi sabiex tiżgura l-kontinwità u l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola lokali fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

3. Il-Greċja għandha tipprevedi distribuzzjoni ġusta tal-pagamenti. Il-Greċja tista' tillimita l-ammont tal-appoġġ li għandu jingħata lil benefiċjarju f'sena kalendarja partikolari jew tuża pagamenti digressivi.

4. Il-Greċja tista' tagħti appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti barra mir-reġjun li fih jiġu prodotti. Dak l-appoġġ ma għandux jaqbeż l-10 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, ikkonsenjata f'żona ta' destinazzjoni f'sena kalendarja partikolari.

5. Meta Pjan jiġi emendat f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament SNR [emendi tal-Pjanijiet], il-benefiċjarji affettwati mid-diżastru naturali eċċezzjonali jew mill-event meteoroloġiku sever jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn appoġġ fil-forma ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-bejgħ previst fil-paragrafu 1 irrispettivament mil-livell ta' attività tagħhom matul il-perjodu ta' restawr, iżda soġġetti għal impenn formali biex jirrestawraw il-kapaċità tal-produzzjoni agrikola tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 44 tal-SNR)

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 20h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20h
	Kontrolli u penali
	1. Għall-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Greċja għandha twettaq verifiki permezz ta' verifiki amministrattivi, fiżiċi u fuq il-post.
	2. Il-verifiki amministrattivi mwettqa fuq l-importazzjoni, id-dħul, l-esportazzjoni u d-dispaċċ ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinvolvu kontroverifiki mad-dokumenti ta' sostenn. Il-verifiki fiżiċi mwettqa fil-ġejjer minuri tal-Eġew ikkonċernati fuq l-importazzjoni jew id-dħul ta' prodotti agrikoli għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv li jammonta għal mill-inqas 5 % tal-liċenzji u ċ-ċertifikati.
	3. Fil-każ ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni lokali, il-Greċja għandha twettaq verifiki permezz ta' verifiki amministrattivi u fuq il-post.
	4. Il-verifiki amministrattivi għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinkludu kontroverifiki, fost l-oħrajn, ma' data mill-amministrazzjoni u l-kontroll integrati.
	5. L-applikanti għall-għajnuna għal arranġamenti speċifiċi ta' provvista u appoġġ għall-produzzjoni lokali għandhom jintgħażlu biex isirulhom verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti fuq abbażi ta' analiżi tar-riskju u r-rappreżentanza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna sottomessi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki fuq il-post billi jieħdu kampjuni, għal kull azzjoni, ta' mill-inqas 5 % tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-kampjun għandu jirrappreżenta wkoll mill-inqas 5 % tal-ammonti koperti mill-għajnuna għal kull azzjoni.

Fil-każijiet xierqa kollha, il-Greċja għandha tagħmel użu mis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll prevista fl-Artikolu 20j (ġdid) ta' dan ir-Regolament.

Kull verifika fuq il-post għandha tkun is-suġġett ta' rapport ta' spezzjoni li jagħti d-dettalji tal-verifiki li jkunu saru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 45 tal-SNR)

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 20i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20i
	Network Ewropew u nazzjonali tal-PAK
	1. Kull Stat Membru għandu, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kummissjoni, jistabbilixxi u jappoġġa network nazzjonali għall-PAK ("network nazzjonali tal-PAK") għan-networking ta' organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet, konsulenti, riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni, u atturi oħra fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali. In-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jibnu fuq l-esperjenza u l-prattiki eżistenti tan-networking fl-Istati Membri.
	2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network Ewropew għall-Politika Agrikola Komuni ("in-network Ewropew tal-PAK") biex jgħaqqad in-networks, l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell

tal-Unjoni.

3. L-objettivi tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għandhom ikunu li:

(a) jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK tal-Pjan SNR;

(b) jappoġġaw lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK;

(c) itejbu l-kwalità tal-Pjanijiet SNR u b'mod partikolari l-miżuri tagħhom relatati mal-agrikoltura u jxerrdu r-riżultati;

(d) irawmu l-innovazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari, u l-kondiviżjoni tal-għarfien;

(e) isaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(f) ixerrdu informazzjoni dwar il-PAK u l-opportunitajiet ta' finanzjament;

(g) jikkontribwixxu għal aktar żvilupp tal-PAK.

4. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 6, in-networks għandhom:

(a) jiġbru, janalizzaw u jxerrdu informazzjoni dwar prattiki tajbin li jikkonċernaw il-PAK kif ukoll analiżi dwar l-iżviluppi fl-agrikoltura u ż-żoni rurali;

(b) jibnu l-kapaċità għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u atturi oħra involuti fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet SNR li jikkonċernaw il-PAK;

(c) jiffaċilitaw l-iskambji, it-tagħlim bejn il-pari, u n-networking, inkluż, fejn rilevanti, skambji ma' networks f'pajjiżi terzi;

(d) jappoġġaw in-networking ta' proġetti ta' kooperazzjoni ffinanzjati, bħal gruppi ta' azzjoni lokali skont l-Artikolu 18a [LEADER] ta' dan ir-Regolament, gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u

jippromwovu rabtiet ma' strateġiji oħra ffinanzjati mill-Unjoni.

5. In-network Ewropew tal-PAK u n-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jikkollaboraw u jwettqu attivitajiet konġunti fl-ilħuq tal-objettivi msemmija fil-paragrafu 3. In-network Ewropew tal-PAK għandu juża identità viżwali distintiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 57 tal-SNR)

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 20j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20j
	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (g) tar-Regolament SNR.
	2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u fil-każijiet xierqa kollha għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi] tar-Regolament SNR.
	3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:
	(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS). L-AMS hija proċedura ta'

osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u l-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus;

(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS);

(d) sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(f) sistema ta' kontroll u penali. L-Istati Membri għandhom kull sena jwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjoni għall-għajnuna u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-legalità u r-regolarità. Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati b'verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà tal-miżuri jew parti minnhom jiġu mmonitorjati taħt is-sistema ta' monitoraġġ agrikolu msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom kull sena jivvalutaw il-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni.

Meta l-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fl-elementi tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jadottaw azzjonijiet ta' rimedju xierqa jew, fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni għandha titlob li jistabbilixxu pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta'

rimedju pendenti.

Sal-15 ta' Marzu ta' wara s-sena kalendarja kkonċernata, għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni rapport ta' valutazzjoni u, fejn ikun xieraq, l-azzjonijiet ta' rimedju u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi d-data satellitari, meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu, mingħajr ħlas lill-awtoritajiet kompetenti għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu jew lill-fornituri tas-servizzi awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet biex jirrappreżentawhom. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tipprovdilhom, mingħajr ħlas, l-immaġnijiet meħtieġa b'"riżoluzzjoni għolja ħafna". Il-Kummissjoni għandha tibqa' s-sid tad-data u tal-immaġnijiet satellitari.

6. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi mill-inqas id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3 u, meta jkun applikabbli, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex itejbu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art b'sorsi oħra ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-bdiewa.

7. Meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista f'dan il-Kapitolu tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23, li jissupplimentaw dan ir-Regolament:

(a) b'regoli dwar il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata, imsemmija fil-

paragrafu (3), il-punti (a), (b) u (c); u

(b) b'regoli dwar l-LPIS, imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c).

8. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma u l-kontenut ta', u l-arranġamenti għat-trażmissjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ta':

(i) ir-rapport ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu (4);

(ii) l-azzjonijiet ta' rimedju pprovduti mill-Istati Membri;

(b) il-karatteristiċi bażiċi, u regoli dwar:

(i) l-AMS;

(ii) il-GSA;

(iii) l-LPIS;

(iv) is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art.

9. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(former NRP Art. 70) and amended; amendment (3f) "all or part of " added; amendment (4): "15 March" instead of "15 February"; deletion of original (6): 6. Without prejudice to the responsibilities of the Member States for the implementation and application of the integrated system Member States shall establish the European land monitoring system. It shall provide information to farmers to support sustainable management of their holdings. Furthermore, it shall provide data for CAP policy development and monitoring, and promote sharing of farm sustainability data; linguistic correction added)

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Regoli li japplikaw għall-impriżi
	Meta l-appoġġ jingħata permezz ta' interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament SNR għal forom ta' kooperazzjoni bejn l-impriżi, dan jista' jingħata biss lil tali forom ta' kooperazzjoni li jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 40 tar-Regolament SNR)

Emenda 132

Proposta għal regolament
ANNESS I – Parti A: Regoli dwar l-intendenza tal-azjendi agrikoli

Test propost mill-Kummissjoni			
Żoni	**Kwistjoni ewlenija**	**Rekwiżiti Statutorji**	**ta' Ġestjoni**
Klima u ambjent	Ilma	SMR 1	Id-Direttiva 2000/60/KE: l-Artikolu 11(3), il-punti (e) u (h), fir-rigward tar-rekwiżiti obbligatorji biex jiġu kkontrollati s-sorsi ta' tixrid ta' tniġġis bil-fosfati
Klima u ambjent	***Ilma***	***SMR 2***	***Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[1]: l-Artikoli 4 u 5***
Klima u ambjent	***Bijodiversità u pajsaġġ (il-protezzjoni u l-kwalità)***	***SMR 3***	***Id-Direttiva 2009/147/KE: l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(2), il-punt (b), u l-Artikolu 4(1), (2) u (4)***
Klima u	***Bijodivers***	***SMR 4***	***Id-Direttiva 92/43/KEE:***

ambjent	***ità u pajsaġġ (il-protezzjoni u l-kwalità)***		***l-Artikolu 6(1) u (2)***
Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti	Sikurezza alimentari	SMR 5	Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] L-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 17(1)[3] u l-Artikoli 18, 19 u 20
Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti	Sikurezza alimentari	SMR 6	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE[4]: l-Artikolu 3, il-punti (a), (b), (d) u (e), u l-Artikoli 4, 5 u 7
Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	SMR 7	Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]: l-Artikolu 55, l-ewwel u t-tieni sentenza
Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	SMR 8	Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]: l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 8(1) sa (5), L-Artikolu 12 fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-pestiċidi fiż-żoni protetti definiti abbażi tad-Direttiva 2000/60/KE u l-leġiżlazzjoni ta' Natura 2000 l-Artikolu 13(1) u (3) dwar l-immaniġġar u l-ħżin tal-pestiċidi u r-rimi tal-fdalijiet
Benessri tal-annimali	Benessri tal-annimali	SMR 9	Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE[7]: l-Artikoli 3 u 4
Benessri tal-annimali	Benessri tal-annimali	SMR 10	Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE[8]: l-Artikoli 3 u 4
Benessri tal-annimali	Benessri tal-annimali	SMR 11	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE[9]: l-Artikolu 4

[1] ***Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).***

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta'

Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI:

[3] Kif implimentat b'mod partikolari minn:
— l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 37/2010,
— ir-Regolament (KE) Nru 852/2004: l-Artikolu 4(1) u l-Anness I il-parti A (II 4 (g, h, j), 5 (f, h), 6; III 8 (a, b, d, e), 9 (a, c)),
— ir-Regolament (KE) Nru 853/2004: l-Artikolu 3(1) u l-Anness III it-Taqsima IX il-Kapitolu 1 (I-1 b, c, d, e; I-2 a (i, ii, iii), b (i, ii), c; I-3; I-4; I-5; II-A 1, 2, 3, 4; II-B 1(a, d), 2, 4 (a, b)), l-Anness III it-Taqsima X il-Kapitolu 1(1),
— ir-Regolament (KE) Nru 183/2005: l-Artikolu 5(1), (5) u (6) u l-Anness I, il-parti A (I-4 e, g; II-2 a, b, e), u l-Anness III (taħt l-intestatura "TMIGĦ", il-punt 1 intitolat "Ħażna", l-ewwel u l-aħħar sentenza, u l-punt 2 intitolat "Distribuzzjoni", it-tielet sentenza), u
— ir-Regolament (KE) Nru 396/2005: l-Artikolu 18.

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta'April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1996/22/oj).

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[6] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj).

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/119/oj).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/120/oj).

[9] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/58/oj).

Emenda

Żoni	**Kwistjoni ewlenija**	**Rekwiżiti Statutorji**	**ta' Ġestjoni**
Klima u ambjent	Ilma	SMR 1	Id-Direttiva 2000/60/KE: l-Artikolu 11(3), il-punti (e) u (h), fir-rigward tar-rekwiżiti obbligatorji biex jiġu kkontrollati s-sorsi ta' tixrid ta' tniġġis bil-fosfati
imħassar			
imħassar			

imħassar			
Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti	Sikurezza alimentari	SMR 5	Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] L-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 17(1)[3] u l-Artikoli 18, 19 u 20
Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti	Sikurezza alimentari	SMR 6	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE[4]: l-Artikolu 3, il-punti (a), (b), (d) u (e), u l-Artikoli 4, 5 u 7
Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	SMR 7	Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]: l-Artikolu 55, l-ewwel u t-tieni sentenza
Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	SMR 8	Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]: l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 8(1) sa (5), L-Artikolu 12 fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-pestiċidi fiż-żoni protetti definiti abbażi tad-Direttiva 2000/60/KE u l-leġiżlazzjoni ta' Natura 2000 l-Artikolu 13(1) u (3) dwar l-immaniġġar u l-ħżin tal-pestiċidi u r-rimi tal-fdalijiet
Benessri tal-annimali	Benessri tal-annimali	SMR 9	Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE[7]: l-Artikoli 3 u 4
Benessri tal-annimali	Benessri tal-annimali	SMR 10	Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE[8]: l-Artikoli 3 u 4
Benessri tal-annimali	Benessri tal-annimali	SMR 11	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE[9]: l-Artikolu 4

[1] ***imħassar***

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI:

[3] Kif implimentat b'mod partikolari minn:
— l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 37/2010,
— ir-Regolament (KE) Nru 852/2004: l-Artikolu 4(1) u l-Anness I il-parti A (II 4 (g, h, j), 5 (f,

h), 6; III 8 (a, b, d, e), 9 (a, c)), — ir-Regolament (KE) Nru 853/2004: l-Artikolu 3(1) u l-Anness III it-Taqsima IX il-Kapitolu 1 (I-1 b, c, d, e; I-2 a (i, ii, iii), b (i, ii), c; I-3; I-4; I-5; II-A 1, 2, 3, 4; II-B 1(a, d), 2, 4 (a, b)), l-Anness III it-Taqsima X il-Kapitolu 1(1), — ir-Regolament (KE) Nru 183/2005: l-Artikolu 5(1), (5) u (6) u l-Anness I, il-parti A (I-4 e, g; II-2 a, b, e), u l-Anness III (taħt l-intestatura "TMIGĦ", il-punt 1 intitolat "Ħażna", l-ewwel u l-aħħar sentenza, u l-punt 2 intitolat "Distribuzzjoni", it-tielet sentenza), u — ir-Regolament (KE) Nru 396/2005: l-Artikolu 18.
[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta'April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1996/22/oj).
[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).
[6] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj).
[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/119/oj).
[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/120/oj).
[9] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/58/oj).

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
ANNESS I – Parti C: Regoli dwar prattiki protettivi

Test propost mill-Kummissjoni	
Objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(4)	**Objettivi speċifiċi tal-prattiki protettivi**
(a) Protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju, karatteristiċi tal-pajsaġġ u artijiet bil-ħaxix permanenti f'żona agrikola	Protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju inkluża l-protezzjoni ta' artijiet mistagħdra, torbiera u karatteristiċi tal-pajsaġġ
(a) Protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju, karatteristiċi tal-pajsaġġ u artijiet bil-ħaxix permanenti f'żona agrikola	Protezzjoni ta' artijiet bil-ħaxix permanenti ambjentalment sensittivi f'żona agrikola f'żoni ta' Natura 2000

(b) Protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, żamma tal-materja organika tal-ħamrija inkluż ir-rotazzjoni jew id-diversifikazzjoni tal-ħamrija, u protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit	Protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit
(b) Protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, żamma tal-materja organika tal-ħamrija inkluż ir-rotazzjoni jew id-diversifikazzjoni tal-ħamrija, u protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit	Preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, inklużi: - ***Protezzjoni tal-ħamrija f'perjodi li huma l-aktar sensittivi*** - Newba tal-għelejjel jew diversifikazzjoni
(b) Protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, żamma tal-materja organika tal-ħamrija inkluż ir-rotazzjoni jew id-diversifikazzjoni tal-ħamrija, u protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit	Żamma tal-materja organika tal-ħamrija permezz tal-ġestjoni tar-residwi tal-għelejjel, inkluża projbizzjoni fuq il-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit
(c) Protezzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma u tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u l-ilma tax-xeba'	Protezzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma u tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u l-ilma tax-xeba', ***inkluż permezz tal-istabbiliment ta' biċċiet art ta' lqugħ matul il-mogħdijiet tal-ilma***
Emendi	
Objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3(4)	**Objettivi speċifiċi tal-prattiki protettivi**
(a) Protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju, karatteristiċi tal-pajsaġġ u artijiet bil-ħaxix permanenti f'żona agrikola	Protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju inkluża l-protezzjoni ta' artijiet mistagħdra, torbiera u karatteristiċi tal-pajsaġġ
(a) Protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju, karatteristiċi tal-pajsaġġ u artijiet bil-ħaxix permanenti f'żona agrikola	Protezzjoni ta' artijiet bil-ħaxix permanenti ambjentalment sensittivi f'żona agrikola f'żoni ta' Natura 2000
(b) Protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, żamma tal-materja organika tal-ħamrija inkluż ir-rotazzjoni jew id-diversifikazzjoni tal-ħamrija, u protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit	Protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit
(b) Protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, żamma tal-materja organika tal-ħamrija inkluż ir-rotazzjoni jew id-diversifikazzjoni tal-ħamrija, u protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit	Preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, inklużi: - Diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba'

(b) Protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija, żamma tal-materja organika tal-ħamrija inkluż ir-rotazzjoni jew id-diversifikazzjoni tal-ħamrija, u protezzjoni kontra l-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit	Żamma tal-materja organika tal-ħamrija permezz tal-ġestjoni tar-residwi tal-għelejjel, inkluża projbizzjoni fuq il-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit
(c) Protezzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma u tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u l-ilma tax-xeba'	Protezzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma kontra t-tniġġis u l-ilma tax-xeba'

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
ANNESS II

Test propost mill-Kummissjoni		
ANNESS II		
Regoli dwar il-kalkolu tal-ekwivalenti tal-annimali għall-iskop tal-Appoġġ akkoppjat għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 11 ***L-Istati Membri għandhom jużaw il-koeffiċjenti li ġejjin biex jikkonvertu l-annimali f'ekwivalenti tal-annimali għall-iskop tal-interventi ta' appoġġ akkoppjat għall-introjtu msemmija fl-Artikolu 11(1).***		
Speċijiet	***Età/kategorija***	***Koeffiċjent***
Annimali bovini	***inqas minn 6 xhur***	***0,4***
	minn 6 xhur sa sentejn	***0,6***
	aktar minn sentejn	***1,0***
Annimali ekwini	***aktar minn 6 xhur***	***1,0***
Nagħaġ u mogħoż		***0,15***
Ħnieżer	***ħnieżer tal-għalla > 50kg***	***0,5***
	ħnieżer oħra	***0,3***
Pollam		
	tiġieġ tal-bajd	***0,014***
	pollam ieħor	***0,03***
Emenda		
imħassar		

Or. en

Emenda 135

ANNESS IIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni
Emenda

Appoġġ domestiku tad-WTO **Appoġġ domestiku tad-WTO skont l-Artikolu 20c (ġdid) ta' dan ir-Regolament**		
Tip ta' intervent	***Referenza f'dan ir-Regolament***	***Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa Ħadra")***
Azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi	***Artikolu 10***	***5, 11, 12***
Appoġġ digressiv għall-introjtu bbażat fuq iż-żona	***Artikolu 5a (ġdid)***	***5***
Pagament għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar	***Artikolu 7***	***5***
Pagament għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona	***Artikolu 8***	***13***
Appoġġ għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji	***Artikolu 9***	***12***
Stabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u ġodda	***Artikolu 14***	***2, 5, 11***
Appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti	***Artikolu 13***	***8, 11***
Servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli	***Artikolu 17***	***2***
Skema tal-iskejjel	***L-Artikoli 27, 28 tal-OKS***	***4***
Appoġġ għall-interventi f'ċerti setturi	***L-Artikoli 32 – il-punt (b), (c), (d), (e), (h), (i), (m) tal-OKS***	***2***
	L-Artikolu 32, il-punt (a) tal-OKS	***2, 11***
	L-Artikolu 32, il-punt (f), (g), (s) tal-OKS	***2, 11, 12***
	L-Artikolu 32 , il-punt (n) tal-OKS	***8, 11, 12***

Appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi	***bl-eċċezzjoni tal-appoġġ għall-banana (Kaxxa Blu – ma għandhiex issir referenza għaliha fit-tabella)***	***13***
Appoġġ għall-Gżejjer Minuri tal-Eġew	***L-Artikoli 20c (ġdid), 20f (ġdid), 20g (ġdid), 20h (ġdid)***	***13***
Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u avvenimenti katastrofiċi	***Artikolu 20b (ġdid)***	***8***

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 40 tar-Regolament SNR)

NOTA SPJEGATTIVA

Politika Agrikola Komuni (PAK) b'saħħitha tibqa' essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea, u tinżamm il-vitalità ekonomika u soċjali taż-żoni rurali madwar l-Ewropa.

Bl-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin tar-Regolament dwar il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PSNR) f'dan ir-Regolament, il-Parlament Ewropew diġà stabbilixxa pedament importanti għall-preżervazzjoni tal-PAK bħala politika Ewropea distinta. Dan jiżgura li d-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-agrikoltura u l-bdiewa jkomplu jittieħdu fil-qafas tal-PAK, u b'hekk jipprovdu l-bażi għal politiki koerenti li jappoġġaw l-agrikoltura, l-azjendi agrikoli tal-familja u l-komunitajiet rurali.

Il-proposta tar-rapporteur għar-Regolament dwar il-PAK tfittex li tintroduċi bidla fundamentali fil-politika biex jiġi żgurat li l-PAK tkun adattata għall-futur. Il-prijoritajiet tiegħu huma li jissimplifika aktar il-politika, jipprovdi prevedibbiltà akbar għall-azjendi agrikoli, jimmira l-finanzjament Ewropew b'mod aktar effettiv lejn il-bdiewa attivi u l-azjendi agrikoli tal-familja, u jsaħħaħ iż-żoni rurali. Fl-istess ħin, għandu l-għan li jsaħħaħ l-agrikoltura bħala professjoni attraenti u sostenibbli.

Ir-rapporteur iqis li l-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu, b'assistenza mmirata għall-ewwel ettari, jibqa' strument ewlieni għall-appoġġ tal-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju. B'kuntrast ma' dan, mekkaniżmu ta' digressività gradwat b'mod fin prinċipalment joħloq piżijiet amministrattivi addizzjonali mingħajr ma jwassal benefiċċji proporzjonati għall-azjendi agrikoli.

It-tisħiħ taż-żoni rurali jrid jibqa' pilastru ċentrali tal-PAK u għandu jiġi rifless kemm fl-allokazzjoni tar-riżorsi kif ukoll fit-tfassil tal-istrumenti ta' politika. Il-programmi ta' żvilupp rurali għalhekk jirrikjedu ċertezza ta' ppjanar fit-tul u qafas finanzjarju stabbli. L-allokazzjoni ta' 75 % tal-baġit tal-PAK għall-appoġġ għall-introjtu u 25 % għall-iżvilupp rurali tipprovdi l-bilanċ it-tajjeb bejn l-iżgurar tal-istabbiltà ekonomika u l-promozzjoni ta' żvilupp territorjali mmirat.

Il-vijabbiltà fit-tul taż-żoni rurali tiddependi wkoll fuq li ż-żgħażagħ jiġu attirati lejn il-biedja. Ir-rapporteur għalhekk iqis li huwa essenzjali li jissaħħaħ l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ permezz ta' baġit minimu dedikat. Flimkien ma' appoġġ u inċentivi finanzjarji mmirati, it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huwa meħtieġ biex il-biedja ssir aktar attraenti għas-suċċessuri żgħażagħ u għall-parteċipanti ġodda fis-settur.

L-Ewropa teħtieġ żoni rurali reżiljenti u settur agrikolu kompetittiv u orjentat lejn il-futur. Dan ir-Regolament jipprovdi qafas affidabbli biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[4] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
European Federation of Food, Agriculture and Tourism Trade Unions (EFFAT)
Copamac
ProRurE e.V.
Deutscher Bauernverband e.V. (DBV)
Federation of Swedish Farmers
European Coordination Via Campesina (ECVC)
Arbeitsgemeinschaft Deutscher Tierzüchter (ADT)
Copa-Cogeca
Deutscher Raiffeisenverband e.V. (DRV)
Czech Agrarian Chamber (AKCR)
Agricultural Association of the Czech Republic (ZSCR)
Young Agrarians' Society of the Czech Republic (YAS CR)
Slovak Agriculture and Food Chamber (SPPK)
European Council of Young Farmers (CEJA)
Deutscher Imkerverband e.V.
Irish Farmers Associations
pureVeg
BirdLife
WWF
Verband Deutscher Hopfenpflanzer e.V.
Finnish Agriculture, Forestry and Cooperatives
Lombardy Region
NABU
Familienbetriebe Land und Forst
Land&Forst Betriebe Österreich
Compassion in World Farming
Yara
European Alliance for Regenerative Agriculture (EARA)
FACE
Eurogroup for Animals
FOUR PAWS
Farm Europe

[4] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

LandPerspektiven
Bayerischer Bauernverband
BEUC- The European Consumer Organsisation
Agéa- agent généraal d´assurance
European Industrial Hemp Association
Nestle
2. Rappreżentanti ta’ awtoritajiet pubbliċi ta’ pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
mhux applikabbli
mhux applikabbli

Il-lista ta’ hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b’isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma’ dak l-ipproċessar.